Nru./No. 18,986
Prezz/Price
€4.32

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 9 ta' Novembru, 2012
Friday, 9th November, 2012

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 12,507 - 12,513
Government Notices ..... *12,507 - 12,513*

Avviż tal-Pulizija ..... 12,513 - 12,515
Police Notice ..... *12,513 - 12,515*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 12,515 - 12,543
Employment Opportunities ..... *12,515 - 12,543*

Avviżi tal-Gvern ..... 12,543 - 12549
Notices ..... *12,543 - 12,549*

Offerti ..... 12,550 - 12,595
Tenders ..... *12,550 - 12,595*

Avviżi tal-Qorti ..... 12,596 - 12,598
Court Notices ..... *12,596 - 12,598*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1116

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

Din id-Dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skont l-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Id-9 ta' Novembru, 2012
(File A4893/97)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fin-Naxxar:-

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,350 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, mix-Xlokk u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar bl-ittra B fuq il-pjanta S.P. Nru. SNAXXAR_A_4893_4_1997 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) George Abela
President

L-1 ta' Novembru, 2012

Nru. 1117

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

Din id-Dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skont l-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Id-9 ta' Novembru 2012
(File A4894/97)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1116

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

The following Declaration, made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

9th November, 2012

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in terms of the provisions of the Agricultural Releases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land in Naxxar:-

Plot of land measuring 3,350 square metres, bounded on the North East, South East and North West by Government property.

The undermentioned land is shown marked in red with letter B on plan S.P. No. SNAXXAR_A_4893_4_1997 which may be viewed on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

1st November, 2012

No. 1117

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

The following Declaration, made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

9th November, 2012

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in terms of the provisions of the Agricultural Releases (Reletting) Act, 1967.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fin-Naxxar:-

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 5,900 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, min-Nofsinhar u mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta S.P. SNAXXAR_A_4893_4_1997 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) GEORGE ABELA
President

L-1 ta' Novembru, 2012

Nru. 1118

RILAXX TA' ART

Din id-Dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skont u għall-finijiet tal-Artikolu 9 (1) ta' dik l-Ordinanza.

Id-9 ta' Novembru, 2012
Rilaxx 142/62/III/20

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Lulju, 1966, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 460, il-Gvernatur Ġenerali kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi parti minn din l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jiena hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fis-Swieqi:-

L-art tal-kejl ta' madwar 50 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' John Mamo u oħrajn, min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Albert Debono u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Carlo Debono u oħrajn.

Description of the Land

The following land in Naxxar:-

Plot of land measuring about 5,900 square metres, bounded on the North, South and North East by Government property.

The undermentioned land is shown marked in red on plan S.P. SNAXXAR_A_4893_4_1997 which may be viewed on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE ABELA
President

1st November, 2012

No. 1118

RELEASE OF LAND

The following declaration made by the President of Malta under article 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of article 9 (1) thereof.

9th November, 2012

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration by the Governor General, published in the Government Gazette dated 8th July, 1966, under Government Notice No. 460, the Governor General had declared that the undermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in terms of the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinace (Cap. 88) and whereas part of this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the land is no longer required by the competent authority for a public purpose, in terms of the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land in Swieqi:-

Land measuring about 50 square metres, bounded on the North East by property of John Mamo and others, on the South by property of Albert Debono and on the South East by property of Carlo Debono and others.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu u bħala *plot* Nru. 20A/1 fuq il-pjanta P.D.284A_66_1, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) George Abela
President

L-1 ta' Novembru, 2012

Nru. 1119

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-Artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skont u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

Id-9 ta' Novembru, 2012
(L121/2012)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija soġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi ddikjarata soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-imsemmija Ordinanza, b'dan niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art f'San Pawl il-Baħar:

L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 43 metru twila, 1 metru wiesgħa u 1.2 metri fonda, inkluża 2 *manholes* 1 metru b'1 metru u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa ta' kejl ta' madwar 302 metri kwadri, liema għalqa tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, mix-Xlokk u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa kif deskritti fuq il-pjanti tal-*Water Services Corporation* CS/2/12 u WW/SP/5/12.

The abovementioned land is shown on plan marked in blue and as plot No. 20A/1 fuq il-pjanta P.D.284A_66_1, which may be viewed on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

1st November, 2012

No. 1119

PROCLAMATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

THE following Proclamation, made by the President of Malta in terms of Article 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinace (Chapter 88), is published in terms and for the purposes of the same Ordinance.

9th November, 2012

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of article 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of article 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land in Saint Paul's Bay:-

The mentioned subsoil rights consisting in the digging of a trench 43 metres long, 1 metre wide and 1.2 metres deep, including 2 manholes 1 metre by 1 metre and installation of services for an indefinite period, in a field measuring about 302 square metres, which field is bounded on the North by a public road, on the South East and South West by property of unknown owners, as described on plans of the Water Services Corporation CS/2/12 and WW/SP/5/12.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija fuq il-pjanta mmarkata P.D.2012_583, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) George Abela
President

L-1 ta' Novembru, 2012

Nru. 1120

ĦATRA TA' MĦALLFIN TAL-QRATI SUPERJURI - (MALTA)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, ħatar lil Dott. Lorraine schembri orland, LL.D., biex tkun Imħallef fil-Qrati Superjuri (Malta) b'seħħ mid-29 ta' Ottubru 2012.

Il-5 ta' Novembru 2012
(MJDF/1/2012/2)

Nru. 1121

ĦATRA TA' MAĠISTRAT FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI – (MALTA)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, ħatar lill-Dott. Natasha Galea Sciberras, LL.D., biex tkun Maġistrat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'seħħ mid-29 ta' Ottubru 2012, u bħala Maġistrat tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) meta tinqala' l-okkażjoni jew il-ħtieġa.

Il-5 ta' Novembru, 2012
(MJDF/1/2012/3)

Nru. 1122

FORZI ARMATI TA' MALTA (FORZA REGOLARI)

Corrigendum

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova l-irtirar tal-Maġġur Ivan M Consiglio u l-irtirar tal-Maġġur Alexander Dalli mill-*Active List* tal-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari) b'seħħ mit-23 ta' Lulju, 2012.

Is-7 ta' Novembru, 2012
OPM/33/1987/II

L-art hawn fuq imsemmija hija murija fuq il-pjanta mmarkata P.D.2012_583, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

1st November, 2012

No. 1120

APPOINTMENT OF JUDGES AT THE SUPERIOR COURTS - (MALTA)

IT is notified for general information that the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has appointed Dr Lorraine Schembri Orland, LL.D., to be Judge of the Superior Courts (Malta) with effect from 29th October 2012.

5th November, 2012

No. 1121
APPOINTMENT OF MAGISTRATE AT THE MAGISTRATES' COURT – (MALTA)

IT is notified for general information that the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has appointed Dr Natasha Galea Sciberras, LL.D., to be Magistrate of the Court of Magistrates (Malta) with effect from 29th October 2012 and as Magistrate of the Court of Magistrates (Gozo) whenever the occasion and need arises.

5th November, 2012

No. 1122

ARMED FORCES OF MALTA (REGULAR FORCE)

Corrigendum

THE President of Malta has been pleased to approve the retirement of Major Ivan M Consiglio and the retirement of Major Alexander Dalli from the Active List of the Armed Forces of Malta (Regular Force), with effect from 23rd July, 2012.

7th November, 2012

Nru. 1123

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRIM MINISTRU għoġbu japprova l-promozzjoni tal-Logutenent Marco Cauchi għar-*rank* ta' Kaptan b'seħħ mill-1 ta' Ottubru, 2012.

Is-7 ta' Novembru, 2012
COF/548/1965/3

No. 1123

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE Prime Minister has been pleased to approve the promotion of Lieutenant Marco Cauchi to the rank of Captain with effect from 1st October, 2012.

7th November, 2012

Nru. 1124

ĦATRA TA' AĠENT
SOVRINTENDENZA TAS-SAĦĦA PUBBLIKA

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunità approva l-ħatriet temporanji li ġejja:–

No. 1124

APPOINTMENT OF ACTING
SUPERINTENDENT OF PUBLIC HEALTH

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health, the Elderly and the Community Care has approved the following acting appointments:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATI *DATES*
Dr Miriam Vella	Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika *Superintendent of Public Health*	Saħħa *Health*	15-17.11.2012
Dr Charmaine Gauci	Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika *Superintendent of Public Health*	Saħħa *Health*	24.11-02.12.2012

Id-9 ta' Novembru, 2012

9th November, 2012

Nru. 1125

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR
ĠENERALI (NSO)

Corrigendum

NGĦARRFU b'din illi b'riferenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1108 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-Tlieta, 6 ta' Novembru, 2012, l-isem tal-persuna maħtura bħala Aġent Direttur Ġenerali kellu jkun is-Sur Joseph Bonello.

Id-9 ta' Novembru, 2012

No. 1125

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR
GENERAL (NSO)

Corrigendum

IT is hereby notified that with reference to Government Notice No. 1108 published in the Government Gazette dated Tuesday, 6th November, 2012, the name of the person appointed as Acting Director General should have been Mr Joseph Bonello.

9th November, 2012

Nru. 1126

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 1126

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (TREASURY)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance, the Economy and Investment has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Ms Paulanne Mamo	Direttur Ġenerali *Director General*	Teżor *Treasury*	05–09.11.2012

Id-9 ta' Novembru, 2012

9th November, 2012

Nru. 1127

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fiddata li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda, ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

No. 1127

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
9. 11. 12	€44.029	€0.840

Id-9 ta' Novembru, 2012

9th November, 2012

Nru. 1128

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjoni li għandha bżonn Stima tal-Impatt Ambjentali
Avviż skont Sezzjoni 8(5) tar-Regolamenti dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007)

L-APPLIKAZZJONI msemmija hawn taħt teħtieġ stima tal-impatt ambjentali. L-applikazzjoni hija miġbura skont il-lokalità u tinkludi n-numru tal-applikazzjoni, it-titlu tal-iżvilupp u l-isem tal-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjoni fl-uffiċċju tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, Floriana waqt il-ħinijiet tax-xogħol.

No. 1128

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Application that Requires an Environmental Impact Assessment
Notice in accordance with Section 8(5) of the Environmental Impact Assessment (2007) Regulations (Legal Notice 114/2007)

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. Copies of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima tal-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji tal-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu l-Awtorità sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru, 2012. Aktar informazzjoni tinsab fuq il-*website* tal-Awtorità: (http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-main).Sottomissjonijiet jintlaqgħu wkoll permezz tal-posta elettronika fuq: (eiamalta@mepa.org.mt). Dawn is-sottomissjonijiet għandhom jingħataw dan it-titlu: Sottomissjoni dwar l-EIA relatat ma' TRK. 148537 (EA 00057/12).

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority till the 1st December 2012 via mail or via email on: (eiamalta@mepa.org.mt) and should be clearly labelled with the following title: EIA submission on TRK. 148537 (EA 00057/12). More information can be obtained from the MEPA website: (http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-main).

Fabbrika HF 51,
Qasam Industrijali,
Ħal Far, Birżebbuġa,
Malta

TRK. 148537
(EA 00057/12)

Installazzjoni ta' impjant għall-manifattura u biex jingħata permess tal-operat għall-produzzjoni ta' ingredjenti farmaċewtiċi attivi (API) u għall-installazjoni ta' tankijiet għall-ħażna tal-LPG ġewwa faċilità koperta bil-permess PA 04236/08.

Is-Sur Simone Ferlin, għal Sterling Chemicals Malta Ltd.

Factory HF 51,
Industrial Estate, Ħal Far
Birżebbuġa, Malta.

TRK. 148537
(EA 00057/12)

Installation of manufacturing plant and obtaining an operations permit for the production of active pharmaceutical ingredients (API), and the installation of LPG storage tanks in a facility/factory already covered by permit PA 04236/08.

Mr Simone Ferlin, o.b.o. Sterling Chemicals Malta Ltd.

Id-9 ta' Novembru, 2012

9th November, 2012

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 126

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk, fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Belt Valletta u Floriana

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Novembru, 2012, mill-5.00 a.m. 'il quddiem, minn Pjazza San Ġwann, il-Parkeġġ tal-Bank Ċentrali, Vjal Ġirolamu Cassar, il-Parkeġġ tal-i*Stock* Exchange, Pjazza Kastilja, it-triq tal-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq, Triq San Pawl u Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta.

Nhar il-Ħadd 11 ta' Novembru, 2012, mill-5.00.a.m. 'il quddiem, mill-madwar tal-Monument tal-Gwerra, Triq J.

POLICE NOTICE

No. 126

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones during the days and times indicated.

In virtue of article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Valletta and Floriana

On Sunday, 11th November, 2012, from 5.00 a.m. onwards, through Pjazza San Ġwann, the Central Bank Parking Area, Vjal Ġirolamu Cassar, Stock Exchange Parking Area, Pjazza Kastilja, road leading to Upper Barrakka Gardens, Triq San Pawl and Triq l-Ifran, Valletta.

On Sunday, 11th November, 2012, from 5.00 a.m. onwards, from the area around the War Memorial, Triq J.

Lopez, Triq l-Isqof Mauro Caruana, Triq Sant'Anna, Triq l-Assedju l-Kbir, Triq ir-Re Dwardu V, Triq il-Mall, Triq San Publju, Triq San Franġisk, il-Parkeġġ ta' quddiem il-Phoenicia Ballroom, Triq V. Dimech u Pjazza Kalċidonju, Floriana.

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Novembru, 2012, mill-10.00 a.m. 'il quddiem, Triq Sant'Anna, Floriana, li twassal għall-Belt Valletta u l-ħruġ mill-Belt Valletta, it-Telgħa tal-Kurċifiss, Floriana, li twassal għall-Belt Valletta, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana u Triq Ġirolamu Cassar, Il-Belt Valletta, li twassal għall-Monument tal-Gwerra se jkunu magħluqa għat-traffiku.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-Avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Id-9 ta' Novembru, 2012

Lopez, Triq l-Isqof Mauro Caruana, Triq Sant'Anna, Triq l-Assedju l-Kbir, Triq ir-Re Dwardu V, Triq il-Mall, Triq San Publju, Triq San Franġisk, the Parking Area infront of Phoenicia Ballroom, Triq V. Dimech and Pjazza Kalċidonju, Floriana.

On Sunday, 11th November, 2012, from 10.00 a.m. onwards, Triq Sant'Anna, Floriana, leading to Valletta and exiting from Valletta, it-Telgħa tal-Kurċifiss, Floriana, leading to Valletta, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana and Triq Ġirolamu Cassar, Valletta, leading to the War Memorial, will be closed to traffic.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

9th November, 2012

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 127

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk, fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Baħrija

Nhar is-Sibt, l-10 ta' Novembru, 2012, bejn il-5.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Triq il-Knisja, Triq Patri Tumas Xerri O.P., Triq il-Qastan (il-parti l-ġdida), Triq it-Tin, Misraħ Patri Martin Caruana O.P, Triq is-Sajf ta' San Martin u Triq Dun Saverin Bianco.

Il-Ħadd, il-11 ta' Novembru, 2012, bejn is-6.00 a.m. u s-6.00 p.m minn Misraħ Patri Martin Caruana O.P.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-Avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Id-9 ta' Novembru, 2012

POLICE NOTICE

No. 127

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones during the days and times indicated.

In virtue of article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Il-Baħrija

On Saturday, 10th November, 2012, from 5.00 p.m. till midnight, through the following streets: Triq il-Knisja, Triq Patri Tumas Xerri O.P., Triq il-Qastan (new part), Triq it-Tin, Misraħ Patri Martin Caruana O.P, Triq is-Sajf ta' San Martin and Triq Dun Saverin Bianco.

On Sunday, 11th November, 2012, from 6.00 a.m. till 6.00 p.m., from Misraħ Patri Martin Caruana O.P.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

9th November, 2012

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 128

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Kirkop

Il-Ħadd, 9 ta' Diċembru, 2012, mis-6.00 a.m. sas-1.30 p.m. minn Misraħ San Anard (Il-Pjazza tal-Knisja), Triq San Anard, Triq San Benedettu (ta' quddiem l-iskola), Misraħ Ħal Kirkop, Triq Il-Parroċċa u Triq il-Lewżiet.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-Avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Id-9 ta' Novembru, 2012

POLICE NOTICE

No. 128

In virtue of article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħal Kirkop

Sunday, 9th December, 2012, from 6.00 a.m. till 1.30 p.m. through Misraħ San Anard (Il-Pjazza tal-Knisja), Triq San Anard; Triq San Benedettu (infront of school), Misraħ Ħal Kirkop, Triq Il-Parroċċa and Triq il-Lewżiet.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

9th November, 2012

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami għad-Dħul fil-Grad ta' Uffiċjal Prinċipali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta - 2012

Skont klawsola 3.1 (l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jgħarrfu li se jsir eżami estern ristrett għad-dħul fil-grad ta' Uffiċjal Prinċipali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2. Il-postijiet jimtlew skont l-ordni tal-mertu finali fl-eżami skont il-kundizzjonijiet imniżżla hawn taħt.

3.1 Is-salarju ta' Uffiċjal Prinċipali ikun ta' €16,197.98 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €18,644.00 (Skala ta' Salarju 10).

3.2 Uffiċjal Prinċipali jitla' fi Skala 9 (€17,252,02 x €447.33 - €19,936.00) wara sentejn servizz fil-grad.

3.3 Uffiċjal Prinċipali jitla' fi Skala 8 (€18,403.02 x €486.83 - €21,324.00) wara għaxar snin servizz fil-grad.

3.4 Uffiċjal Prinċipali jitla' fi Skala 7 (€19,659.98 x €531.17 - €22,847.00) wara tnax-il sena servizz fil-grad.

3.5 Dawn il-*progressions* minn skala ta' salarju għal wieħed ogħla huma dipendenti fuq ħidma ta' livell sodisfaċenti.

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Entrance Examination to the Post of Principal in the Malta Public Service - 2012

"In accordance with clause 3.1 (l) of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender".

The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations notify that a restricted external examination will be held for admission to the post of Principal in the Malta Public Service.

2. Posts will be filled in accordance with the final order of merit in the examination under the conditions set out below.

3.1 The post of Principal carries an annual salary of €16,197.98, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €18,644.00 (Salary Scale 10).

3.2 A Principal will proceed to Scale 9 (€17,252.02 x €447.33 - €19,936.00) on completion of 2 years' service in the grade.

3.3 A Principal will proceed to Scale 8 (€18,403.02 x €486.83 - €21,324.00) on completion of 10 years' service in the grade.

3.4 A Principal will proceed to Scale 7 (€19,659.98 x €531.17 - €22,847.00) on completion of 12 years' service in the grade.

3.5 These progressions to a higher scale are subject to satisfactory performance.

4.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sentejn, hi fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali.

4.2 Il-persuna maħtura tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta, inkluż fejn jinħolqu postijiet vakanti ta' uffiċjali li jkunu qegħdin jagħmlu użu minn *family-friendly measures*, li fl-istess ħin iservi biex jikkontribwixxi għall-*career progression* tal-persuna maħtura, riżultat ta' esperjenza varjata fis-Servizz.

5. Id-dmirijiet ta' Uffiċjal Prinċipali jinkludu:

a) l-amministrazzjoni ta' taqsimiet żgħar ta' Dipartiment/Diviżjoni/Direttorat jew Ministeru;

b) l-implimentazzjoni ta' *policy* u ta' direttivi tat-*top management*;

ċ) ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni u direttivi li għandhom x'jaqsmu mal-ġurisdizzjoni tat-taqsima;

d) moniteraġġ u reviżjoni ta' programmi ta' ħidma, organizzazzjoni, sistemi u proċeduri;

e) it-tħejjija ta' rapporti u proposti li għandhom x'jaqsmu ma' żvilupp ta' *policy*, programmi dipartimentali u problemi amministrattivi; u

f) dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil ragonevoli' skont Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anki jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati minn min japplika għaliex ma jissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment tal-Eżamijiet u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

4.1 The appointment, which is subject to a probationary period of two years, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general.

4.2 The appointment involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service, including where vacancies arise as a result of officers availing of family-friendly measures, which in turn serves to contribute to the career progression of the appointee due to increased exposure across the Service.

5. The duties of Principal include:

a) the administration of small units of a Department/Division/Directorate or Ministry;

b) the implementation of policy and directives of top management;

c) responsibility for the implementation of legislation and directives relating to the jurisdiction of the unit;

d) the monitoring and review of performance schedules, organisation, systems and procedures;

e) the preparation of reports and proposals in connection with the development of policy, departmental programmes and administrative problems; and

f) any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Examinations Department and copied to the NCPD.

7.1 By the closing date and time for the receipt of applications, applicants must be either:

(a) uffiċjali pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li huma fil-grad ta' Assistent Uffiċjal Prinċipali jew Uffiċjal Eżekuttiv, dawn tal-aħħar għandu jkollhom erba' snin servizz fil-grad, jew

(b) uffiċjali pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fil-gradi l-oħra tas-servizz jew f'xi pożizzjoni, jew

(ċ) impjegati oħra ingaġġati ma' Ministeri jew Dipartimenti/Diviżjonijiet/Direttorati, mhux f'pożizzjoni fuq bażi ta' fiduċja, jew

(d) persuni li, sad-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, ikollhom perjodu kumulattiv ta' mhux inqas minn sena, fl-aħħar ħmistax-il xahar, fejn ikunu wettqu ħidma klerikali lill-Gvern ta' Malta (Servizz Pubbliku u Settur Pubbliku) permezz ta' kuntrattur li jipprovdi servizzi klerikali. Dawn għandhom jissottomettu dokument mingħand il-kuntrattur li jiċċertifika li taw lill-Gvern ta' Malta servizz klerikali permezz ta' kuntratt għal perjodu kontinwu ta' mhux anqas minn sena.

Fil-każ ta' (b), (ċ) u (d), hawn fuq, applikanti għandu jkollhom *degree* universitarju rikonoxxut, f'livell 6 tal-MQF, jew kwalifika rikonoxxuta kumparabbli xierqa.

Kwalifiki f'livell ogħla minn dak speċifikat hawn fuq jiġu aċċettati għall-finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Barra minhekk, applikanti li ma jkunux għadhom ġabu formalment il-kwalifiki msemmija xorta waħda jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

7.2 Applikanti, li m'għandhomx ġa ħatra mal-Gvern ta' Malta, iridu jkunu:

(a) (i) ċittadini ta' Malta, jew

(ii) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema, jew

(iii) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema, jew

(iv) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni

(a) public officers in the Malta Public Service in the grade of Assistant Principal or Executive Officer, the latter with 4 years' service in the grade, or

(b) public officers in the Malta Public Service in all other grades/positions, or

(c) other employees engaged with Ministries and Departments/Divisions/Directorates not on a position of trust basis, or

(d) persons who, on the closing date of the call for applications have, for a cumulative period of not less than one (1) year within the last fifteen (15) months, been rendering clerical duties to the Government of Malta (Public Service and Public Sector) through a contractor providing clerical services. These have to submit a document drawn up by the contractor confirming that they rendered to the Government of Malta clerical services on contract basis for a cumulative period of not less than one year.

In the case of (b), (c) and (d), above, applicants must be in possession of a recognised university degree at MQF level 6 or a recognised appropriate comparable qualification.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

7.2 Candidates who do not already hold an appointment with the Government of Malta must be:

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(iii) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(iv) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty

msemmija f'(i), (ii) jew (iii), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq, jew

(v) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* għandu jiġi mfittex skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti msemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' applikanti msemmija f'(ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(b) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża.

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta qabel, u jagħtu d-dettalji).

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment tal-Eżamijiet mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-*iscanner* huma aċċettabbli.

8.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3 (a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

(b) Dawk l-applikanti li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu

provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (i), (ii) or (iii); or

(v) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii), (iv) and (v), above, would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(b) able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details.

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Examinations Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3 (a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy

kopja tad-dikjarazzjoni lid-Dipartiment tal-Eżamijiet kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lid-Dipartiment tal-Eżamijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki: (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f'sub-paragrafu (b) hawn fuq.

9.1 L-eżami jkun jikkonsisti f'żewġ karti bil-miktub fl-Ewwel Parti u Intervista Estiża fit-Tieni Parti:

L-Ewwel Parti:

Żewġ karti ta' tliet sigħat il-waħda, waħda fil-Malti u l-oħra fl-Ingliż, biex jeżaminaw il-kwalitajiet personali tal-applikanti għal preżentazzjoni ċara, tifsir tajjeb u fil-qosor tal-fehmiet tal-individwu, grammatika u stil ta' kitba tajba. L-ogħla marka għal kull karta tkun ta' 200 marka u kull karta hija soġġetta għal *pass mark* ta' 120 marka.

Wieħed jista' jara sillabu komplut tal-eżami fit-tmiem ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

L-applikanti li jonqsu li jġibu l-*pass mark* f'xi waħda mill-karti bil-miktub ma jitħallewx jersqu għat-Tieni Parti tal-Eżami (L-Intervista Estiża).

It-Tieni Parti:

L-intervista estiża hija maħsuba biex teżamina l-kwalitajiet personali tal-applikanti bħal intelliġenza, sveltezza, personalità, kapaċità li jikkomunikaw, il-potenzjal li jiksbu *standard* għoli fil-qadi ta' dmirijiethom u biex jokkupaw pożizzjoniji ta' responsabbiltà. L-ogħla marka għall-intervista tkun ta' 200 marka u hija soġġetta għal *pass mark* ta' 100 marka.

9.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li, minbarra dak mitlub f'paragrafu 7.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u pprovata.

of the statement to the Examinations Department as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Director of Examinations, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

(c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website: (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

9.1 The examination shall consist of two parts: written session in Part One and an Extended Interview in Part Two.

Part One:

Two papers, each of three hours' duration, one in Maltese and the other in English, designed to test the candidates for lucid expression, thoughtful opinion, conciseness, good grammar and style. Each paper carries a maximum of 200 marks, 120 being the pass mark.

A full syllabus of the Examination may be viewed at the end of this call for applications.

Only candidates who obtain a pass mark in both of the written tests will be allowed to attend for the interview.

Part Two:

The extended interview is aimed at assessing a candidate's personal qualities such as intelligence, alertness, personality, communicative ability and the potential to achieve a high standard of performance and to occupy a position of responsibility. (Maximum 200 marks; minimum 100 marks).

9.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites at paragraph 7.1, have proven relevant work experience.

10. L-eżami ser jitmexxa minn bord ta' eżaminaturi taħt id-direzzjoni tal-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali.

11. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali għandu s-setgħa li jitratta b'mod sommarju ma' kull applikant li, filwaqt li jkun qed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew ta' xi ksur tal-istruzzjonijiet maħruġa biex jimxu fuqhom l-applikanti.

12. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami jekk tinstab xi irregolarità dwar dan l-eżami. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari tal-eżami.

13. L-ordni finali tal-mertu jkun determinat mill-marki totali miksuba f'kull waħda miż-żewġ stadji tal-proċess tal-għażla kif spjegat f'paragrafu 9.1 hawn fuq. Fil-każ ta' applikanti li jiksbu l-istess numru ta' marki, tingħata preċedenza skont il-proċedura stabbilita.

14.1 Id-Direttur tal-Eżamijiet jippubblika r-riżultat tal-eżami bil-miktub, li jintwera fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Eżamijiet, Floriana u ċ-Ċentru tal-Eżamijiet, *Lyceum Complex*, Ir-Rabat, Għawdex. Notifika tal-pubblikazzjoni tar-riżultat toħroġ fil-Gazzetta tal-Gvern u tidher ukoll fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Eżamijiet fuq: (www.exams.gov.mt).

14.2 Talbiet għar-reviżjoni tal-karti tal-eżami għandhom jaslu għand id-Direttur tal-Eżamijiet fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-riżultat.

14.3 Ir-riżultat finali tal-eżami jiġi ppubblikat mid-Direttur tal-Eżamijiet wara li jitlestew l-intervisti estiżi u jintwera fuq in-*notice-boards* tad-Dipartiment tal-Eżamijiet, Floriana u ċ-Ċentru tal-Eżamijiet, *Lyceum Complex*, Ir-Rabat, Għawdex u dik tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta.

14.4 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat finali jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jidher ukoll fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Eżamijiet. Joħroġ ukoll avviz fil-*media* lokali.

14.5 Ir-riżultat finali jibqa' jgħodd għal sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni.

14.6.Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta. L-oġġezzjonijiet

10. The examination shall be conducted by a panel of examiners under the direction of the Board of Local Public Examinations.

11. The Board of Local Public Examinations shall have the power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found guilty of misconduct or of any breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

12. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the Examination if any irregularity is detected in connection herewith. Such annulment may be in respect of the whole Examination even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the Examination.

13. The final order of merit of successful candidates shall be determined by the total number of marks obtained in each of the two parts of the examination outlined in paragraph 9.1 above. In the case of candidates who obtain the same total number of marks, precedence will be determined in accordance with the established policy.

14.1 The Director of Examinations will publish the result of the written examination, which will be exhibited on the notice-board of the Department of Examinations, Floriana and the Examination Centre, Lyceum Complex, Victoria, Gozo. A notification of the publication of the result will be issued in the Government Gazette and will also appear on the website of the Examinations Department, where it may be accessed through: (www.exams.gov.mt).

14.2 Requests for revision of paper are to be submitted to the Director of Examinations within ten (10) working days from the date of publication of the result.

14.3 The final result of the examination will be published by the Director of Examinations after the completion of the extended interviews and will be published on the notice-boards of the Department of Examinations, Floriana, the Examination Centre, Lyceum Complex, Victoria, Gozo and the Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta.

14.4 A notification of the issue of the final result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Examinations Department. A press notice will also be issued to all local media organisations.

14.5 The final result will remain valid for two years from the date of publication.

14.6 Petitions objecting to the final result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta. Petitions are to

għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Oġġezzjonijiet imressqa taħt dan il-paragrafu jistgħu jittrattaw biss dwar l-intervista, u l-Kummissjoni ma titħolx fil-merti tal-marki mogħtija fl-eżami bil-miktub.

15. Persuna magħżula tkun trid toqgħod għal-eżami mediku biex jiġi assigurat li hi adatta għal dan il-post.

16.1Formoli tal-applikazzjoni jinkisbu mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Floriana jew miċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Lyceum Complex, Ir-Rabat, Għawdex minn nhar it-Tnejn, it-12 ta' Novembru 2012, jew jistgħu jitniżżlu minn dan is-sit elettroniku: (www.exams.gov.mt).

16.2Applikazzjonijiet mimlija, flimkien ma' *Service and Leave Record Form* (GP47) aġġornata (applikabbli biss għal uffiċjali pubbliċi li qed iservu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta), jew Ċertifikat tal-Kondotta (applikabbli biss għal applikanti <u>*mhux*</u> uffiċjali pubbliċi li qed iservu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta), flimkien ma' *Curriculum Vitae* stil Ewropew (li tista' tkun imniżżla mis-sit elettroniku li ġej: (http://europass.cedefop.europa.eu/en/documents/curriculum-vitae/templates-instructions), kopja tal-karta tal-identità uffiċjali tal-applikant u ħlas għall-eżami ta' €9,32 (applikabbli għall-applikanti kollha) jintlaqgħu fid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Floriana u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, *Lyceum Complex*, Ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, it-23 ta' Novembru 2012.

16.3. Applikazzjonijiet mibgħuta minn barra minn Malta jintlaqgħu sa mhux aktar tard tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Novembru 2012 permezz ta' *email, fax* jew mezzi oħrajn. Dawn jistgħu jitqiesu biss jekk jingħataw id-dettalji kollha mitluba hawn fuq. F'każi bħal dawn, il-formola tal-applikazzjoni formali, ffirmata mill-applikant, għandha tasal għand id-Dipartiment tal-Eżamijiet sa mhux aktar tard minn gimgħa wara d-data tal-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment tal-Eżamijiet huwa 2598 2232 u l-indirizz tal-*email* huwa: (exams.department@gov.mt).

16.4 Taħt l-ebda ċirkustanza ma' jintlaqgħu applikazzjonijiet li ma jaslux fiż-żmien speċifikat.

Sillabu

Karti: Ingliż (3 sigħat)
Malti (3 sigħat)

Il-Karti (Ingliż u Malti) jikkonsistu fi:

1. Komponiment (bejn 650 – 750 kelma) minn għażla ta' numru ta' titli. (80 marka)

reach the Commission within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the final result. Petitions submitted under this paragraph may deal only with the interview, and the Commission will not enter into the merits of the marks awarded in the written examination.

15. Successful candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

16.1 Application forms may be obtained from the Department of Examinations, Floriana or the Examinations Centre, Lyceum Complex, Victoria, Gozo from Monday, 12th November 2012, or may be downloaded from the following website: (www.exams.gov.mt).

16.2 Completed applications, accompanied by an up-to-date Service and Leave Record Form (GP47) (applicable only to public officers serving in the Malta Public Service), or with a Certificate of Conduct (applicable only to applicants who are <u>*not*</u> public officers serving in the Malta Public Service), together with a European Style Curriculum Vitae (which may be downloaded from the following website: (http://europass.cedefop.europa.eu/en/documents/curriculum-vitae/templates-instructions), a photocopy of the applicant's official identity card and an examination fee of €9.32 (applicable to all applicants) will be received at the Department of Examinations, Floriana and at the Examination Centre, Lyceum Complex, Victoria, Gozo by not later than noon (Central European Time) of Friday, 23rd November 2012.

16.3 Applications received from abroad by noon (Central European Time) of Friday, 23rd November 2012 through email, fax, or other similar means may be considered provided that all requisite details are given. In the case of such applications, the formal application duly signed by the applicant must reach the Examinations Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Examinations Department is 2598 2232 and the email address is: (exams.department@gov.mt).

16.4 Under no circumstances will applications which are not received within the specified time limit be considered.

Syllabus

Papers: English (3 hours)
Maltese (3 hours)

Components of Papers (English and Maltese):

1. Essay (about 650 – 750 words) from a choice of a number of titles. (80 marks)

2. Mistoqsijiet dwar silta. (40 marka)

3. Précis. (80 marka)

L-Ogħla Marka: 200
L-Anqas Marka: 120

Id-9 ta' Novembru, 2012

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami għad-Dħul għall-Post ta' Uffiċjal Eżekuttiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta - 2012

Skont klawsola 3.1 (l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jgħarrfu li se jsir eżami estern ristrett għad-dħul fil-grad ta' Uffiċjal Eżekuttiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2. Il-postijiet jimtlew skont l-ordni tal-mertu finali fl-eżami bil-kundizzjonijiet ta' din is-sejħa.

3.1. Il-post ta' Uffiċjal Eżekuttiv għandu salarju ta' €12,556.02 fis-sena, li jiżdied b'€316.83 fis-sena sa massimu ta' €14,457.00 (Skala Numru 14).

3.2. Persuna fil-grad ta' Uffiċjal Eżekuttiv titla' fi Skala 13 (€13,397.00 x €335.50 - €15,410.00) wara sentejn servizz sodisfaċenti fil-grad.

4.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, tkun fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jiggvernaw is-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali.

4.2. Il-persuna maħtura tista' tiġi ttrasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta, inkluż fejn jinħolqu postijiet vakanti ta' uffiċjali li jkunu qegħdin jagħmlu użu minn *family-friendly measures*, li fl-istess ħin iservi biex jikkontibwixxi għall-*career progression* tal-persuna maħtura, riżultat ta' esperjenza varjata fis-Servizz.

5. Id-dmirijiet ta' Uffiċjal Eżekuttiv jinkludu:

(a) l-implimentazzjoni - taħt it-tmexxija ta' *middle managers* mill-Kategorija B (Uffiċjali Prinċipali Anzjani u Uffiċjali Prinċipali) - tal-*policies* tal-gvern dwar għadd kbir ta' attivitajiet, servizzi jew setturi; taġixxi fuq liġijiet, regolamenti, direttivi u istruzzjonijiet;

(b) tieħu ħsieb il-korrispondenza, każijiet jew talbiet relatati max-xogħol tas-sezzjoni tagħha;

2. Comprehension Test. (40 marks)

3. Précis writing. (80 marks)

Maximum: 200 marks
Minimum: 120 marks

9th November, 2012

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Entrance Examination to the Post of Executive Officer in the Malta Public Service - 2012

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations notify that a restricted external examination will be held for admission to the post of Executive Officer in the Malta Public Service.

2. Posts will be filled in accordance with the final order of merit in the examination under the conditions set out below.

3.1. The post of Executive Officer carries a salary of €12,556.02 per annum, rising by annual increments of €316.83 up to a maximum of €14,457.00 (Salary Scale 14).

3.2. Subject to satisfactory performance, Executive Officers will progress to Scale 13 (€13,397.00 x 335.50 - €15,410.00) on completion of 2 years' service in the grade.

4.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general.

4.2. The appointment involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service, including where vacancies arise as a result of officers availing of family-friendly measures, which in turn serves to contribute to the career progression of the appointee due to increased exposure across the Service.

5. The duties of an Executive Officer include:

(a) implementing government policy over a wide range of activities, services or sectors under the direction of middle managers in Category B (Senior Principals and Principals); translating laws, regulations, directives and instructions into action;

(b) dealing with correspondence, cases and enquiries relating to the function of the unit;

(ċ) tilqa' membri tal-pubbliku, twieġeb għall-mistoqsijiet tagħhom, tilqa' l-ilmenti u tikkomunika d-deċiżjonijiet;

(d) teżamina l-każijiet li ma jaqgħux taħt ebda *policy* jew proċedura uffiċjali, u tirrakkomanda azzjoni xierqa;

(e) tagħmilha ta' assistent eżekuttiv ta' Kap ta' Dipartiment jew ta' uffiċjal anzjan;

(f) tagħmel xogħol relatat ma' *accounts* u *procurement* fi ħdan sezzjoni tal-*accounts* u xogħol relatat ma' riżorsi umani fi ħdan sezzjoni tal-*personnel* ; u

(ġ) dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilita' (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil ragonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Public Administration HR Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant għaliex ma jissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment tal-Eżamijiet u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu jew:-

(a) Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fil-gradi ta' Skrivani Anzjani jew Skrivani, tal-aħħar bi tliet (3) snin servizz fil-grad, jew

(b) Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fil-gradi/ħatriet oħra, jew

(ċ) impjegati oħra ingaġġati ma' Ministeri u Dipartimenti/Taqsimiet/Direttorati, li l-ħatra tagħhom mhix fuq bażi ta' fiduċja, jew

(d) persuni li, sad-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, ikollhom perijodu kumulattiv ta' mhux inqas minn sena, fl-aħħar ħmistax-il xahar, fejn ikunu wettqu ħidma klerikali lill-Gvern ta' Malta (Servizz Pubbliku u Settur Pubbliku) permezz ta' kuntrattur li jipprovdi servizzi klerikali. Dawn għandhom jissottomettu dokument mingħand

(c) dealing with members of the public, answering queries, hearing complaints and communicating decisions;

(d) being responsible for scrutinizing cases that do not fall within the scope of approved policy procedures, and recommending appropriate action;

(e) functioning as an executive assistant of a Head of Department or a senior officer;

(f) performing accounting and procurement work within an accounts section and personnel work within the personnel section; and

(g) any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary

6.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

6.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Examinations Department and copied to the NCPD.

7.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be either:-

(a) Public Officers in the Malta Public Service in the grade of Senior Clerk or Clerk, the latter with 3 years' service in the grade; or

(b) Public Officers in the Malta Public Service in all other grades/positions; or

(c) other employees engaged with Ministries, and Departments/Divisions/Directorates, not on a position of trust basis, or

(d) persons who, on the closing date of the call for applications have, for a cumulative period of not less than one (1) year within the last fifteen (15) months, been rendering clerical duties to the Government of Malta (Public Service and Public Sector) through a contractor providing clerical services. These have to submit a document drawn up by the

il-kuntrattur li jiċċertifika li taw lill-Gvern ta' Malta servizz klerikali permezz ta' kuntratt għal perijodu kumulattiv ta' mhux anqas minn sena.

7.2 Fil-każi ta' (b), (ċ) u (d), hawn fuq indikati, l-applikanti għandu jkollhom:-

(a) jew tliet (3) *passes* fil-livell Avvanzat fl-livell 4 tal-MQF (bi grad ta' mhux anqas minn 'C') u sitt *passes* fil-livell Ordinarju fl-livel 3 tal-MQF, (bi grad ta' mhux anqas minn '5'), jew kwalifiki rikonoxxuti xierqa komparabbli; li jridu jinlkludu *passes* fil-lingwa Maltija u Ingliża u fil Matematika, fl-livel Avvanzat jew Ordinarju;

(b) jew żewġ passes fil-Livell Avvanzat fl-livell 4 tal-MQF, tliet *passes* fil-livell Intermedjarju fl-livell 4 tal-MQF (bi grad ta' mhux anqas minn 'C') u sitt passes fil-Livell Ordinarju fl-livel 3 tal-MQF (bi grad ta' mhux anqas minn '5'). L-Ingliż, il-Malti u l-Matematika li huma obbligatorji jistgħu jiġu offruti sew f'Livell Avvanzat, sew f'Livell Intermedjarju kif ukoll f'Livell Ordinarju;

(ċ) u jkollhom il-*European Computer Driving Licence* (E.C.D.L). li turi li għandhom *passes* tal-anqas f'dawn it-tliet *modules*:

(i) *Using Computer and Managing Files*;
(ii). *Work Processing*;
(iii) *Spreadsheet*.

Il-kandidati jridu jippreżentaw il-*Logbook* oriġinali, flimkien ma' kopja tiegħu. Kopja tal-*Logbook* għandu jintehmeż mal-applikazzjoni u l-oriġinal jintwera waqt l-intervista.

Kwalifiki f'liveli għola minn dawk speċifikati hawn fuq jiġu aċċettati għal skop ta' eliġibilita', kemm-il darba jissodisfaw il-ħtieġa tas-suġġetti speċifikati.

Barra minhekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu formalment il-kwalifiki msemmija xorta waħda jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

7.3 Kandidati li mhux diġa qegħdin jaħdmu mal-Gvern ta' Malta għandhom ikunu:-

(a) (i) ċittadini ta' Malta; jew
(ii) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(iii) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet

contractor confirming that they rendered to the Government of Malta clerical service on contract basis for a cumulative period of not less than one year.

7.2 In the case of 7.1(b), (c) and (d), above, applicants must be in possession of:-

(a). either three (3) 'A' level passes at MQF level 4 (minimum grade 'C') and six 'O' level passes at MQF level 3, (Minimum grade '5'), or recognized appropriate and comparable qualifications which must include passes in Maltese, English Language and Mathematics, either at 'A' or 'O' level;

(b) or two (2) 'A' level passes at MQF level 4, three 'Intermediate' passes MQF level 4 (minimum grade 'C') and six 'O' level passes at MQF level 3, (Minimum grade '5'), or recognized appropriate and comparable qualifications which must include passes in Maltese, English Language and Mathematics, either at 'A' level, 'Intermediate' level or 'O' level;

(c) and in possession of the European Computer Driving Licence (E.C.D.L) showing passes in at least the following three modules:

(i) Using the Computer and Managing Files;
(ii) Word Processing;
(iii) Spreadsheet.

The original Logbook, together with a copy thereof, is to be presented by the candidates. A copy of the logbook should be included with each candidate's application and the original presented at the interview.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

7.3. Candidates who do not already hold an appointment with Government of Malta must be:-

(a) (i) citizens of Malta; or
(ii) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(iii) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to

ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(iv) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(i), (ii) jew (iii), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(v) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti msemmija hawn fuq.

Il-ħatra tal-applikanti msemmija f'(ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(b) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar qabel id-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji);

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew jintehmżu mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment tal-Eżamijiet mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3 (a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons ghal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa

employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(iv) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (i), (ii) or (iii); or

(v) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii), (iv) and (v) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(b) able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details.

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Examinations Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3 (a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to

juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

(b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-Dipartiment tal-Eżamijiet kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħquxjippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lid-Dipartiment tal-Eżamijiet fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni imsemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f' sub-paragrafu (b) hawn fuq.

9. L-eżami jkun jikkonsisti f'żewġ partijiet: L-Ewwel Parti bil-miktub u T-Tieni Parti l-Intervista

L-Ewwel Parti

Żewġ karti bil-miktub ta' tliet sigħat kull waħda, waħda fil-Malti u l-oħra fl-Ingliż maħsubin biex il-kandidati juru l-kapaċità tagħhom li jifhmu u jesprimu ruħhom b'mod ċar u korrett fiż-żewg ilsna (l-ogħla marka għal kull karta hija ta' 200 marka u kull waħda tkun soġġetta għal *pass mark* ta' 120).

Għall-benefiċċju tal-kandidati, is-sillabu tal-eżami jinstab fl-aħħar ta' din is-sejħa.

Jitħallew jersqu għall-intervista dawk il-kandidati biss li jġibu *pass mark* ta' 120 f'kull waħda miż-żewġ karti tal-eżami bil-miktub.

It-Tieni Parti

L-intervista hija maħsuba biex teżamina l-kapaċitajiet u kwalitajiet personali tal-kandidati bħal intelliġenza, dispożizzjoni għal iktar tagħlim u tagħrif ġenerali (l-ogħla marka hija ta' 100 marka, minimu 50 marka).

produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the Examinations Department as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Director (Examinations), indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

(c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

9. The examination shall consist of: written session in Part One and an Interview in Part Two:

Part One

Two papers, each of three hours' duration, one in Maltese and the other in English, aimed at assessing the candidate's ability to understand and write clear and correct reports in both languages. Each paper carries a maximum of 200 marks, 120 being the pass mark.

A full syllabus of the examination may be viewed at the end of this call for applications.

Only candidates who obtain a pass mark in both of the written tests will be allowed to attend for the interview.

Part Two

The interview is aimed at assessing the candidate's personal qualities such as intelligence, alertness, aptitude and general knowledge. (Maximum 100 marks; Minimum 50 marks).

10. L-eżami se jitmexxa minn grupp ta' eżaminaturi taħt id-direzzjoni tal-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali.

11. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu ġurisdizzjoni sħiħa u jkollu s-setgħa li jiddeċiedi x'għandu jsir minnufih dwar kandidati li waqt l-eżami jinstabu ħatja ta' xi nuqqas jew ksur tar-regolamenti li jkunu tqassmu lill-kandidati.

12. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami jekk tinsab xi irregolarità dwar dan l-eżami. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinsab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari tal-eżami.

13. L-ordni finali tal-mertu jkun determinat mill-marki totali miksuba fiż-żewġ partijiet tal-eżami skont kif muri f'paragrafu 9 aktar il-fuq. Fil-każ ta' kandidati li jiksbu l-istess numru ta' marki, tingħata preċedenza skont il-proċedura stabbilita.

14.1 Id-Direttur tal-Eżamijiet jippublika r-riżultat ta' l-eżami bil-miktub, li jintwera fuq in-notice board tad-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana, u ċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Lyceum Complex, ir-Rabat, Għawdex. Notifika tal-pubblikazzjoni tar-riżultat toħroġ fil-Gazzetta tal-Gvern u tidher ukoll fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Eżamijiet fuq (www.exams.gov.mt).

14.2. Talbiet għar-reviżjoni tal-karti tal-eżami għandhom jaslu għand id-Direttur tal-Eżamijiet fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-riżultat.

14.3 Ir-riżultat finali tal-eżami jiġi ppubblikat mid-Direttur tal-Eżamijiet wara li jitlestew l-intervisti u jintwera fuq in-*notice-boards* tad-Dipartiment tal-Eżamijiet, Floriana, fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Lyceum Complex, ir-Rabat, Għawdex u dik tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Il-Belt Valletta.

14.4 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat finali jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jidher ukoll fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Eżamijiet. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

14.5 Ir-riżultat jibqa' jgħodd għal sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni.

14.6 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta. L-

10. The examination shall be conducted by a panel of examiners under the direction of the Board of Local Public Examinations.

11. The Board of Local Public Examinations have the power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found guilty of misconduct or any breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

12. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination if any irregularity is detected in connection herewith. Such annulment may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the examination.

13. The final order of merit of candidates shall be determined by the total number of marks obtained in each of the two stages outlined in paragraph 9 above. In the case of candidates who obtain the same total number of marks, precedence will be determined in accordance with the established policy.

14.1 The Director of Examinations will publish the result of the written examination, which will be exhibited on the notice-board of the Department of Examinations, Floriana and the Examination Centre, Lyceum Complex, Victoria, Gozo. A notification of the publication of the result will be issued in the Government Gazette and will also appear on the on the website of the Examinations Department, where it may be accessed through (www.exams.gov.mt).

14.2 Requests for revision of paper are to be submitted to the Director of Examinations within ten (10) working days from the date of publication of the result.

14.3 The final result of the examination will be published by the Director of Examinations after the completion of the interviews and will be published on the notice-boards of the Department of Examinations, Floriana, the Examination Centre, Lyceum Complex, Victoria, Gozo and the Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta.

14.4 A notification of the issue of the final result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Examinations Department. A press notice will also be issued to all local media organizations.

14.5 The final result will remain valid for two years' from the date of publication.

14.6. Petitions objecting to the final result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta. Petitions are to reach

oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Petizzjonijiet imressqa taħt dan il-paragrafu jistgħu jittrattaw biss dwar l-intervista, u l-Kummissjoni ma tidħolx fil-merti tal-marki mogħtija fl-eżami bil-miktub.

15. Persuna magħżula tkun trid toqgħod għal-eżami mediku biex jiġi assugurat li hi adatta għal dan il-post.

16.1 Formoli tal-applikazzjoni jinkisbu mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Floriana jew miċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Lyceum Complex, ir-Rabat, Għawdex minn nhar It-Tnejn, 12 ta' Novembru 2012, jew jistgħu jitniżżlu minn dan is-sit elettoniku: www.exams.gov.mt.

16.2 Applikazzjonijiet mimlija, flimkien ma' *Service and Leave Record Form (GP47)* aġġornata, (applikabbli biss għal uffiċjali pubbliċi li qed iservu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta), jew Ċertifikat tal-Kondotta (applikabbli biss għal applikanti mhux uffiċjali pubbliċi li qed iservu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta), flimkien ma' *Curriculum Vitae* stil Ewropew (li tista' titniżżel mis-sit elettroniku li ġej: (http://europass.cedefop.europa.eu/en/documents/curriculum-vitae/templates-instructions), kopja tal-karta tal-identita' uffiċjali tal-applikant u ħlas għall-eżami ta' €9.32 (applikabbli għall-applikanti kollha) jintlaqgħu fid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Floriana u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, *Lyceum Complex,* ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 23 ta' Novembru 2012.

16.3 Applikazzjonijiet mibgħuta minn barra minn Malta jintlaqgħu sa mhux aktar tard min-nofs in-nhar (Central European Time) ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Novembru 2012 permezz tal-fax jew mezzi oħrajn. Dawn jistgħu jitqiesu biss jekk jingħataw id-dettalji kollha mitluba hawn fuq. F'każi bħal dawn, il-formola tal-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant għandha tasal għand id-Dipartiment tal-Eżamijiet sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment tal-Eżamijiet huwa 2598 2232 u l-indirizz tal-*e-mail* huwa: (exams.department@gov.mt).

16.4 Taħt l-ebda ċirkustanza ma jintlaqgħu applikazzjonijiet li ma jaslux fiż-żmien speċifikat.

Sillabu

Karti: Ingliż (3 sigħat)
Malti (3 sigħat)

Il-Karti: (Ingliż u Malti)

1. Komponiment (madwar 500 – 550 kelma) minn għażla ta' numru ta' titli.

2. Mistoqsijiet dwar silta.

the Commission within 10 working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the final result. Petitions submitted under this paragraph may deal only with the interview, and the Commission will not enter into the merits of the marks awarded in the written examination.

15. Selected candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

16.1 Application forms may be obtained from the Department of Examinations, Floriana or the Examinations Centre, Lyceum Complex, Victoria, Gozo from Monday, 12th November 2012 or may be downloaded from the following website: www.exams.gov.mt.

16.2 Completed applications, accompanied by an up-to-date Service and Leave Record Form (GP 47) (applicable only to Public Officers serving in the Malta Public Service) or with a Certificate of Conduct (applicable only to applicants who are not Public Officers in the Malta Public Service) together with a European Style Curriculum Vitae, which may be downloaded from the following website: (http://europass.cedefop.europa.eu/en/documents/curriculum-vitae/templates-instructions), a photocopy of the applicant's official identity card and an examination fee of €9.32 (applicable to all applicants) will be received at the Department of Examinations, Floriana and at the Examinations Centre, Lyceum Complex, Victoria, Gozo by not later than noon (Central European Time) of Friday, 23rd November 2012.

16.3. Applications received from abroad by noon (Central European Time) of Friday, 23rd November 2012 through a fax or other similar means may be considered provided that all requisite details are given. In the case of such applications, the formal application duly signed by the applicant must reach the Examinations Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Examinations Department is 2598 2232 and the e-mail address is (exams.department@gov.mt).

16.4. Under no circumstances will applications which are not received within the specified time limit be considered.

Syllabus

Papers: English (3 hours)
Maltese (3 Hours

Components of papers (English and Maltese)

1. Essay (about 500 – 550 words) from a choice of a number of titles.

2. Comprehension Test.

3. Traduzzjoni: mill-Malti għall-Ingliż (Karta tal-Ingliż);
mill-Ingliż għall-Malti (Karta tal-Malti).

L-Ogħla Marka: 200
L-Inqas Marka: 120

Id-9 ta' Novembru, 2012

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami għad-Dħul ta' fil-Grad ta' Skrivan fis-Servizz Pubbliku ta' Malta - 2012

Skont klawsola 3.1 (l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jgħarrfu li se jsir eżami estern ristrett għad-dħul fil-grad ta' Skrivan fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2. Il-postijiet jimtlew skont l-ordni tal-mertu finali fl-eżami skont il-kundizzjonijiet imniżżla hawn taħt.

3. Is-salarju ta' Skrivan ikun ta' €11,135.00 fis-sena, li jiżdied b'€226.00 fis-sena sa massimu ta' €12,717.00 (Skala ta' Salarju 16). Persuna fil-grad ta' Skrivan titla' fi Skala 15 (€11,775.00 x €298.00 - €13,563.00) wara ħames (5) snin servizz sodisfaċenti fil-grad.

4.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hi fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali.

4.2 Il-persuna maħtura tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta, inkluż fejn jinħolqu postijiet vakanti ta' uffiċjali li jkunu qegħdin jagħmlu użu minn *family-friendly measures,* li fl-istess ħin iservi biex jikkontribwixxi għall-*career progression* tal-persuna maħtura, riżultat ta' esperjenza varjata fis-Servizz.

5. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Skrivan jinkludu:

(a) li tieħu ħsieb każijiet skont ir-regolamenti stabbiliti, skont l-istruzzjonijiet mogħtija lilha jew skont il-prassi ġenerali; l-eżaminar u l-iċċekkjar ta' *accounts* u *claim returns* sempliċi; il-preparazzjoni ta' *returns, accounts* jew statistika skont formola stabbilita; il-preparazzjoni ta' *drafts* jew taqsir ta' rapporti; il-ġbir ta' informazzjoni u materjal għall-kunsiderazzjoni tas-superjuri tagħha;

3. Translation of a text: from Maltese into English (English Paper);
from English into Maltese (Maltese Paper).

Maximum: 200 Marks
Minimum: 120 Marks

9th November, 2012

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Entrance Examination to the Post of Clerk in the Malta Public Service – 2012

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations notify that a restricted external examination will be held for admissions to the post of Clerk in the Malta Public Service.

2. Posts will be filled in accordance with the final order of merit in the examination under the conditions set out below.

3. The post of Clerk carries an annual salary of €11,135.00 rising by annual increments of €226.00 up to a maximum of €12,717.00 (Salary Scale 16). Subject to satisfactory performance, a Clerk will proceed to Scale 15 (€11,775.00 x €298.00 - €13,563.00) on completion of five (5) years service in the grade.

4.1 The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general.

4.2 The appointment involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service, including where vacancies arise as a result of officers availing of family-friendly measures, which in turn serves to contribute to the career progression of the appointee due to increased exposure across the Service.

5. The duties of a Clerk include:

(a) dealing with cases in accordance with well-defined regulations, instructions or general practice; scrutinising, checking and cross-checking straightforward accounts and claims returns; preparing returns, accounts or statistics in a prescribed form; preparing drafts and précis; collecting material for consideration;

(b) xogħol ta' kaxxier u ż-żamma ta' rekords relattivi; żamma ta' rekords tal-irċevuti u materjal ta' *stores;*

(ċ) ikkupjar, ittajpjar, filing, tħaddem għodda tal-uffiċini u kompjuters, u xogħol ħafif mekkaniku fl-uffiċċju;

(d) tista' tkun abbinata ma' uffiċċji tekniċi jew professjonali fuq dmirijiet klerikali jew ta' *accounts*.

(e) tista' tintalab tilqa' lilll-pubbliku, tagħti tagħrif u titratta l-ilmenti;

(f) dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-assenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Public Administration HR Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant għaliex ma jissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment tal-Eżamijiet u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(a) uffiċjali pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta; jew

(b) impjegati oħra ingaġġati ma' Ministeru u Dipartimenti/Diviżjonijiet/Direttorati, mhux f'pożizzjoni fuq bażi ta' fiduċja; jew

(ċ) persuni li, sad-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, ikollhom perjodu kumulattiv ta' mhux inqas minn sena, fl-aħħar ħmistax-il xahar, fejn ikunu wettqu ħidma klerikali lill-Gvern ta' Malta (Servizz Pubbliku u Settur Pubbliku) permezz ta' kuntrattur li jipprovdi servizzi klerikali. Dawn għandhom jissottomettu dokument mingħand il-kuntrattur li jiċċertifika li taw lill-Gvern ta' Malta servizz klerikali permezz ta' kuntratt għal perjodu kumulattiv ta' mhux anqas minn sena.

(b) collecting and paying cash and keeping of relative records; keeping records of the receipt and issue of stores;

(c) copying, typing, filing, operating office machinery and computer workstations, and undertaking minor mechanical office work;

(d) being attached to professional or technical offices for clerical and other accounting duties.

(e) may be required to man public counters or reception desks, to answer queries and handle complaints.

(f) any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Examinations Department and copied to the NCPD.

7.1 By the closing date and time for the receipt of applications, applicants must be either:

(a) public officers in the Malta Public Service; or

(b) other employees engaged with Ministries and Departments/Divisions/Directorates, not on a position of trust basis; or

(c) persons who, on the closing date of the call for applications have, for a cumulative period of not less than one (1) year within the last fifteen (15) months, been rendering clerical duties to the Government of Malta (Public Service and Public Sector), through a contractor providing clerical services. These have to submit a document drawn up by the contractor confirming that they rendered to the Government of Malta clerical services on contract basis for a cumulative period of not less than one year.

7.2 L-applikanti jrid ikollhom:

(a) ċertifikat tal-MATSEC Matrikola/SEC (Gradi 1 sa 5) u/jew kwalifik tal-GCE (Minimu Grad 'C') li juru li għandhom tal-anqas ħames passes f'livell Ordinarju jew ogħla f'suġġetti differenti li jridu jinkludu l-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u żewġ suġġetti oħra;

(b) il-European Computer Driving Licence (E.C.D.L.) li turi li għandhom passes tal-anqas f'dawn it-tliet *modules*:

(i) *Using Computer and Managing Files;*
(ii) *Word Processing;*
(iii) *Spreadsheet*.

Il-kandidati jridu jippreżentaw il-*Logbook* oriġinali, flimkien ma' kopja tiegħu. Kopja tal-*Logbook* għandu jinthemeż mal-applikazzjoni u l-oriġinal jintwera waqt l-intervista.

7.3 Applikanti li m'għandhomx ġa ħatra mal-Gvern ta' Malta jridu jkunu:

(a) (i) ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(iii) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(iv) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(i), (ii) jew (iii), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(v) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

7.2 Applicants must be in possession of:

(a) MATSEC Matriculation/SEC (Grades 1-5), and/or GCE Certificates (minimum 'C' Grade) showing a minimum of five passes at Ordinary Level or higher in different subjects to include Maltese, English Language, Mathematics and two other subjects.

(b) in possession of the European Computer Driving Licence (E.C.D.L.) showing passes in at least the following three modules:

(i) Using the Computer and Managing Files;
(ii) Word Processing;
(iii) Spreadsheet.

The original Logbook, together with a copy thereof, is to be presented by the candidates. A copy of the logbook should be included with each candidate's application and the original presented at the interview.

7.3 Applicants who do not already hold an appointment with the Government of Malta must be:

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(iii) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(iv) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (i), (ii) or (iii); or

(v) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

Il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* għandu jiġi mfittex skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti msemmija hawn fuq.

Il-ħatra tal-applikanti msemmija f'(ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(b) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(c) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3 (a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons ghal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

(b) Dawk l-applikanti li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħquxjippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lid-Direttur tal-Eżamijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii), (iv) and (v) above would necessitate the issue of an Employment Licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(b) be able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Examination Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3 (a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the Examinations Department as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Director (Examinations), indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

(ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki: (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f' sub-paragrafu (b) hawn fuq.

9.1 L-eżami jkun jikkonsisti f'żewġ partijiet: bil-miktub fl-Ewwel Parti u Intervista fit-Tieni Parti.

L-Ewwel Parti:

Żewġ karti ta' sagħtejn u nofs il-waħda, waħda fil-Malti u l-oħra fl-Ingliż, biex jeżaminaw il-kwalitajiet personali tal-applikanti għal preżentazzjoni ċara, tifsir tajjeb u fil-qosor tal-fehmiet tal-individwu, grammatika u stil ta' kitba tajba. L-ogħla marka għal kull karta tkun ta' 100 marka u kull karta hija soġġetta għal pass mark ta' 50 marka.

Wieħed jista' jara sillabu komplut tal-eżami fit-tmiem ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

L-applikanti li jonqsu li jġibu l-pass mark f'xi waħda mill-karti bil-miktub ma jitħallewx jersqu għat-Tieni Parti tal-Eżami (l-Intervista).

It-Tieni Parti:

L-intervista hija maħsuba biex teżamina l-kwalitajiet personali tal-applikanti bħal intelliġenza, sveltezza, dispożizzjoni għal iktar tagħlim, tagħrif ġenerali u xeħta biex jokkupa dan il-post. L-ogħla marka għall-intervista tkun ta' 100 marka, minimu ta' 50 marka.

9.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li ġa għandhom esperjenza fi dmirjiet klerikali.

10. L-eżami ser jitmexxa minn bord ta' eżaminaturi taħt id-direzzjoni tal-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali.

11. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali għandu s-setgħa li jitratta b'mod sommarju ma' kull applikant li, filwaqt li jkun qed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew ta' xi ksur tal-istruzzjonijiet maħruġa biex jimxu fuqhom l-applikanti.

12. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami jekk tinstab xi irregolarità dwar dan l-eżami. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu, ukoll

(c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website: (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the candidate shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

9.1 The examination shall consist of two parts: written session in Part One and an interview in Part Two.

Part One:

Two papers each of two-and-a-half hours' duration, one in Maltese and the other in English designed to test the applicants for lucid expression, thoughtful opinion, conciseness, good grammar and style. Each paper carries a maximum of 100 marks, 50 being the pass mark.

A full syllabus of the Examination may be viewed at the end of this call for applications.

Only candidates who obtain a pass mark in both of the written tests will be allowed to attend for the interview.

Part Two:

The interview is aimed at assessing a candidate's personal qualities such as intelligence, alertness, disposition towards further learning, general knowledge and aptitude for the post. (Maximum 100 marks; minimum 50 marks)

9.2 Due consideration shall be given to applicants who have previous experience in clerical duties.

10. The examination shall be conducted by a panel of examiners under the direction of the Board of Local Public Examinations.

11. The Board of Local Public Examinations shall have the power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found guilty of misconduct or of any breach of the instructions issued for the guidance of applicants.

12. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the Examination if any irregularity is detected in connection herewith. Such annulment may be in respect

jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari tal-eżami.

13. L-ordni finali tal-mertu jkun iddeterminat mill-marki totali miksuba f'kull waħda miż-żewġ partijiet tal-eżami kif spjegat f'paragrafu 9.1 hawn fuq. Fil-każ ta' kandidati li jiksbu l-istess numru ta' marki, tingħata preċedenza skont il-proċedura stabbilita.

14.1 Id-Direttur tal-Eżamijiet jippubblika r-riżultat tal-eżami bil-miktub, li jintwera fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Eżamijiet, Floriana u ċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Lyceum Complex, Ir-Rabat, Għawdex. Notifika tal-pubblikazzjoni tar-riżultat toħroġ fil-Gazzetta tal-Gvern u tidher ukoll fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Eżamijiet fuq: (www.exams.gov.mt).

14.2 Talbiet għar-reviżjoni tal-karti tal-eżami għandhom jaslu għand id-Direttur tal-Eżamijiet fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-riżultat.

14.3 Ir-riżultat finali tal-eżami jiġi ppubblikat mid-Direttur tal-Eżamijiet wara li jitlestew l-intervisti estiżi u jintwera fuq in-*notice-boards* tad-Dipartiment tal-Eżamijiet, Floriana u ċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Lyceum Complex, Ir-Rabat, Għawdex u dik tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Il-Belt Valletta.

14.4 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat finali jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jidher ukoll fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Eżamijiet. Joħroġ ukoll avviz fil-*media* lokali.

14.5 Ir-riżultat finali jibqa' jgħodd għal sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni.

14.6 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Oġġezzjonijiet imressqa taħt dan il-paragrafu jistgħu jitrattaw biss dwar l-intervista, u l-Kummissjoni ma titħolx fil-merti tal-marki mogħtija fl-eżami bil-miktub.

15. Persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hi adatta għal dan il-post.

16.1 Formoli tal-applikazzjoni jinkisbu mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Floriana jew miċ-Ċentru tal-Eżamijiet,

of the whole Examination even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the Examination.

13. The final order of merit of successful candidates shall be determined by the total number of marks obtained in each of the two stages of the examination outlined in paragraph 9.1 above. In the case of applicants who obtain the same total number of marks, precedence will be determined in accordance with the established policy.

14.1 The Director of Examinations will publish the result of the written examination, which will be exhibited on the notice-board of the Department of Examinations, Floriana and the Examination Centre, Lyceum Complex, Victoria, Gozo. A notification of the publication of the result will be issued in the Government Gazette and will also appear on the website of the Examinations Department, where it may be accessed through: (www.exams.gov.mt).

14.2 Requests for revision of paper are to be submitted to the Director of Examinations within ten (10) working days from the date of publication of this result.

14.3 The final result of the examination will be published by the Director of Examinations after the completion of the extended interviews and will be published on the notice-boards of the Department of Examinations, Floriana, the Examination Centre, Lyceum Complex, Victoria, Gozo and the Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta.

14.4 A notification of the issue of the final result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Examinations Department. A press notice will also be issued to all local media organisations.

14.5 The final result will remain valid for two years from the date of publication.

14.6 Petitions objecting to the final result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta. Petitions are to reach the Commission within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the final result. Petitions submitted under this paragraph may deal only with the interview, and the Commission will not enter into the merits of the marks awarded in the written examination.

15. Successful candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

16.1 Application forms may be obtained from the Department of Examinations, Floriana or the Examinations

Lyceum Complex, Ir-Rabat, Għawdex minn nhar it-Tnejn, 12 ta' Novembru 2012, jew jistgħu jitniżżlu minn dan is-sit elettroniku: (www.exams.gov.mt).

16.2 Applikazzjonijiet mimlija, flimkien ma' *Service and Leave Record Form (GP47)* aġġornata (applikabbli biss għal uffiċjali pubbliċi li qed iservu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta), jew iċ-Ċertifikat tal-Kondotta (applikabbli biss għal applikanti mhux uffiċjali pubbliċi li qed iservu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta), flimkien ma' Curriculum Vitae stil Ewropew (li tista' tkun mniżżla mis-sit elettroniku li ġej: (http://europass.cedefop.europa.eu/en/documents/curriculum-vitae/templates-instructions), kopja tal-karta tal-identità uffiċjali tal-applikant u ħlas għall-eżami ta' €9.32 (applikabli għall-applikanti kollha) jintlaqgħu fid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Floriana u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Lyceum Complex, Ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, it-23 ta' Novembru 2012.

16.3 Applikazzjonijiet mibgħuta minn barra minn Malta jintlaqgħu sa mhux aktar tard tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Novembru 2012 permezz ta' *email, fax* jew mezzi oħrajn. Dawn jistgħu jitqiesu biss jekk jingħataw id-dettalji kollha mitluba hawn fuq. F'każi bħal dawn, il-formola tal-applikazzjoni formali, ffirmata mill-applikant, għandha tasal għand id-Dipartiment tal-Eżamijiet sa mhux aktar tard minn gimgħa wara d-data tal-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment tal-Eżamijiet huwa 2598 2232 u l-indirizz tal-*email* huwa: (exams.department@gov.mt).

16.4 Taħt l-ebda ċirkustanza ma jintlaqgħu applikazzjonijiet li ma jaslux fiż-żmien stipulat.

Centre, Victoria, Gozo from Monday, 12th November 2012, or may be downloaded from the following website: (www.exams.gov.mt).

16.2 Completed applications, accompanied by an up-to-date Service and Leave Record Form (GP47) (applicable only to public officers serving in the Malta Public Service), or with a Certificate of Conduct (applicable only to applicants who are not public officers serving in the Malta Public Service), together with a European Style Curriculum Vitae (which may be downloaded from the following website: (http://europass.cedefop.europa.eu/en/documents/curriculum-vitae/templates-instructions), a photocopy of the applicant's official identity card and an examination fee of €9.32 (applicable to all applicants) will be received at the Department of Examinations, Floriana and at the Examination Centre, Lyceum Complex, Victoria, Gozo by not later than noon (Central European Time) of Friday, 23rd November 2012.

16.3 Applications received from abroad by noon (Central European Time) of Friday, 23rd November 2012 through email, fax, or other similar means may be considered provided that all requisite details are given. In the case of such applications, the formal application duly signed by the applicant must reach the Examinations Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Examinations Department is 2598 2232 and the email address is: (exams.department@gov.mt).

16.4 Under no circumstances, will applications which are not received within the specified time limit be considered.

SILLABU

Karti tal-Eżami: Malti (Sagħtejn u nofs)
Ingliż (Sagħtejn u nofs)

Malti:

1. Komponiment (madwar 350 kelma) fuq suġġett wieħed magħżul minn selezzjoni ta' ħames suġġetti. (40 marka)

2. Mistoqsijiet dwar silta. (35 marka)

3. Ittra (formali jew informali). (25 marka)

Ingliż:

1. Komponiment (madwar 350 kelma) fuq suġġett wieħed magħżul minn selezzjoni ta' ħames suġġetti. (40 marka)

SYLLABUS

Papers: Maltese (2 ½ hours)
English (2 ½ hours)

Maltese:

1. Essay (350 words) from a choice of five titles. (40 marks)

2. Comprehension Test. (35 marks)

3. Letter writing (formal or informal). (25 marks)

English:

1. Essay (350 words) from a choice of five titles. (40 marks)

2. Mistoqsijiet dwar silta (waħda mill-mistoqsijiet tista' tkun f'forma ta' ġabra qasira tat-test ta' bejn 35-50 kelma). (35 marka)

3. Tnejn jew tliet eżerċizzji ta' grammatika (eż. aqleb l-ordni tas-sentenza; agħti kelma waħda flok; imla l-vojt fis-sentenza). (25 marka)

L-Ogħla Marka: 100
L-Inqas Marka: 50

Id-9 ta' Novembru, 2012

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Assistent Skrivan fis-Servizz Pubbliku

(Approvazzjoni skont il-*capacity building* PAHRO/146/2011)

"Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil".

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku qed toħroġ sejħa esterna ristretta għall-post ta' Assistent Skrivan fis-Servizz Pubbliku.

2.1 Is-salarju ta' Assistent Skrivan huwa ta' €9,827.00 fis-sena, li jiżdied b'€191 fis-sena sa massimu ta' €11,164.00 (Skala ta' Salarju 18).

2.2 Persuna fil-grad ta' Assistent Skrivan titla' fi Skala 17 (€10,463.01x €209.57 - €11,930.00) wara (5) ħames snin servizz sodisfaċenti fil-grad.

3.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali.

3.2 Il-persuna maħtura tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta, inkluż fejn jinħolqu postijiet vakanti ta' uffiċjali li jkunu qegħdin jagħmlu użu minn *family-friendly measures*, li fl-istess ħin iservi biex jikkontribwixxi għall-*career progression* tal-persuna maħtura, riżultat ta' esperjenza varjata fis-Servizz.

4. Id-dmirijiet ta' Assistent Skrivan jinkludu:

a) li tieħu ħsieb każijiet skont ir-regolamenti stabbiliti, skont l-istruzzjonijiet mogħtija lilha jew skont il-prassi ġenerali; l-eżaminar u l-iċċekkjar ta' *accounts* u *claim returns*

2. Comprehension: (One of the questions may be in the form of a short summary (35-50 words). (35 marks)

3. Two or three grammatical/language exercises (Ex. sentence transformation, give one word for, sentence with blank spaces to fill in, etc.). (25 marks)

Maximum: 100 Marks
Minimum: 50 Marks

9th November, 2012

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Assistant Clerk in the Malta Public Service

(Capacity Building approval PAHRO/146/2011)

"In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender".

The Public Service Commission is issuing a restricted external call for applications for the post of Assistant Clerk in the Malta Public Service.

2.1 The salary for the post of Assistant Clerk is €9,827.00 per annum, rising by annual increments of €191.00 up to a maximum of €11,164.00 (Salary Scale 18)

2.2 An Assistant Clerk will progress to Scale 17 (€10,463.01x €209.57 - €11,930.00) on completion of five (5) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

3.1 The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general.

3.2 The appointment involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service, including where vacancies arise as a result of officers availing themselves of family-friendly measures, which in turn serves to contribute to the career progression of the appointee due to increased exposure across the Service.

4. The duties of an Assistant Clerk include:

a) dealing with cases in accordance with well-defined regulations, instructions or general practice; scrutinising, checking and cross-checking straightforward accounts and

sempliċi; il-preparazzjoni ta' *returns*, *accounts* jew statistika skont formola stabbilita; il-preparazzjoni ta' *drafts* jew sommarju ta' rapporti; il-ġbir ta' informazzjoni u materjal għall-kunsiderazzjoni tas-superjuri tagħha;

b) xogħol ta' kaxxier u ż-żamma ta' rekords relattivi; żamma ta' rekords tal-irċevuti u materjal ta' *stores*;

ċ) ikkupjar, ittajpjar, iffajljar, tħaddem għodda tal-uffiċini u kompjuters, u xogħol ħafif mekkaniku fl-uffiċċju;

d) tista' tkun abbinata ma' uffiċċji tekniċi jew professjonali fuq dmirijiet klerikali jew ta' *accounts;*

e) tirċievi u tibgħat messaġġi bit-telefon;

f) tista' tintalab tilqa' lill-pubbliku, tagħti tagħrif u titratta l-ilmenti; u

ġ) dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

5.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

5.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant għaliex ma jissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Direttur *(Resourcing)*, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u tkun ikkupjata lill-KNPD.

6.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) uffiċjali pubbliċi li qed iservu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, JEW

(b) impjegati oħra ingaġġati ma' Ministeri u Dipartimenti/Diviżjonijiet/Direttorati, mhux f'pożizzjoni fuq bażi ta' fiduċja, JEW

claims returns; preparing returns, accounts or statistics in a prescribed form; preparing drafts and précis; collecting material for consideration;

b) collecting and paying cash and keeping of relative records; keeping records of the receipt and issue of stores;

c) copying, typing, filing, operating office machinery and computer workstations, and undertaking minor mechanical office work;

d) being attached to professional or technical offices for clerical and other accounting duties;

e) receiving/relaying telephone messages;

f) may be required to man public counters or reception desks, to answer queries and handle complaints; and

g) any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

5.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

5.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to Director (Resourcing), Public Administration HR Office and copied to the NCPD.

6.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be either:

(i) (a) public officers serving in the Malta Public Service, OR

(b) other employees engaged with Ministries and Departments, not on a position of trust basis, OR

(ċ) persuni li, sad-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet jkollhom perjodu kumulattiv ta' mhux inqas minn (1) sena, fl-aħħar ħmistax (15)-il xahar, fejn ikunu taw ħidma klerikali lill-Gvern ta' Malta (Servizz Pubbliku u Settur Pubbliku), permezz ta' kuntrattur li jipprovdi servizzi klerikali. Dawn għandhom jissottomettu dokument mingħand il-kuntrattur li jiċċertifika li taw lill-Gvern ta' Malta servizz klerikali permezz ta' kuntratt għal perjodu kumulattiv ta' mhux anqas minn sena.

(ii) Fil-każ ta' (a), (b) u (ċ), hawn fuq, applikanti għandu jkollhom ċertifikat tal-MATSEC Matrikola/SEC (Gradi 1 sa 5) u/jew kwalifiki tal-GCE (Minimu Grad 'C'), jew kwalifika rikonoxxuta xierqa u komparabbli, li juru li għandhom tal-anqas tliet *passes* f'livell ordinarju f'suġġetti differenti li jridu jinkludu l-Malti u l-Ingliż;

(iii) ikollhom il-*European Driving Licence (E.C.D.L),* jew kwalifika rikonoxxuta xierqa u komparabbli, li turi li għandhom *passes* tal-anqas f'dawn it-tliet *modules :*

i. Using Computer and Managing Files;
ii. *Word Processing*;
iii. *Spreadsheet*.

Il-kandidati jridu jippreżentaw il-*Logbook* oriġinali, flimkien ma' kopja tiegħu. Kopja tal-*Logbook* għandu jiġi mehmuż mal-applikazzjoni u l-oriġinali jintwera waqt l-intervista.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilità, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

6.2 Applikanti, li m'għandhomx ġa ħatra mal-Gvern ta' Malta, iridu jkunu:

(a) (i) ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(iii) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet

(c) persons who, on the closing date of the call for applications, have for a cumulative period of not less than one (1) year within the last fifteen (15) months, been rendering clerical duties to the Government of Malta (Public Service and Public Sector), through a contractor providing clerical services. These have to submit a document drawn up by the contractor confirming that they rendered to the Government of Malta, clerical services on contract basis for a cumulative period of not less than one (1) year;

(ii) in the case of (a), (b) and (c) above, applicants must be in possession of MATSEC Matriculation/SEC (Grades 1-5), and/or GCE Certificates (minimum 'C' Grade), or an appropriate recognized comparable qualification, showing a minimum of three passes at ordinary level in different subjects which must include Maltese and English Language;

(iii) in possession of the European Computer Driving Licence (E.C.D.L.), or an appropriate recognized comparable qualification, showing passes in at least the following three modules:

i. Using the Computer and Managing Files;
ii. Word Processing;
iii. Spreadsheet.

The original Logbook, together with a copy thereof, is to be presented by the candidates. A copy of the logbook should be included with each candidate's application and the original presented at the interview.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

6.2 Candidates who do not already have an appointment with the Government of Malta must be:

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(iii) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment

ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(iv) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(i), (ii) jew (iii), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(v) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* għandu jiġi mfittex skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti msemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(b) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża.

(ċ) ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta qabel, u jagħtu d-dettalji).

6.3 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 6.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament l-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-*iscanner* huma aċċettabbli.

by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(iv) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (i), (ii) or (iii); or

(v) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii), (iv) and (v) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(b) able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

6.3 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 6.1, have proven relevant work experience.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Resourcing Directorate, Public Administration HR Office within ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

7.3 (a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tinhemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

(b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-Direttur (*Resourcing)* kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lid-Direttur (*Resourcing),* Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni imsemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki: (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f'sub-paragrafu (b) hawn fuq.

8. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati, minn Bord tal-Għażla, permezz ta' intervista li tinkludi elementi ta' kitba, biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

9.1 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq: (http://www.psc.gov.mt). Joħroġ ukoll avviż fil-media lokali.

9.2 Ir-riżultat jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dak tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

7.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.3 (a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the Director (Resourcing), as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Director (Resourcing), Public Administration Human Resources Office, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

(c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website: (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

8. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post. Applicants will be assessed by means of an interview, which will include a written component.

9.1 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at: (http://www.psc.gov.mt). A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.2 The result will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and on that of the Office of the Prime Minister.

9.3 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, u kkupjati lid-Direttur (*Resourcing)*. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand id-Direttorat tar-*Resourcing,* Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9.4 Ir-riżultat tal-proċess tal-għażla jibqa' validu għal sena minn meta jiġi ppubblikat ir-riżultat finali.

10. Persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hi adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn *il-websites:*

http://gov.mt/en/Government/DOI/Pages/Posts%20Public%20Service.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur (*Resourcing),* Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika, Uffiċċju tal-Prim Ministru, 3, Pjazza Kastilja, Il-Belt Valletta permezz tal-*email:* (generalservicegrades.resourcing.mpo@gov.mt).

12. Applikazzjonijiet mimlija, flimkien ma' *Service and Leave Record Form* (GP 47) aġġornata (applikabbli biss għal uffiċjali pubbliċi li qed iservu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta), jew Ċertifikat tal-Kondotta (applikabbli biss għal applikanti <u>mhux</u> uffiċjali pubbliċi li qed iservu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta), flimkien ma' *Curriculum Vitae* stil Ewropew (li tista' tkun imniżżla mis-sit elettroniku li ġej: (http://europass.cedefop.europa.eu/en/documents/curriculum-vitae/templates-instructions) u kopja tal-karta tal-identità uffiċjali tal-applikant jintlaqgħu mid-Direttur (*Resourcing),* Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika, Uffiċċju tal-Prim Ministru, 3, Pjazza Kastilja, Il-Belt Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Novembru 2012.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *email, fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 30 ta' Novembru 2012 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur (*Resourcing),* Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. L-indirizz tal-*email* huwa: (generalservicegrades.resourcing.mpo@gov.mt) filwaqt li n-numru tal-*fax* huwa: +356 2200 1357.

9.3 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying the Director (Resourcing). Petitions are to reach the Commission and the Resourcing Directorate, Public Adminisatrion HR Office within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

9.4 The result of the selection process will remain valid for one (1) year from the date of publication.

10. A selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://gov.mt/en/Government/DOI/Pages/Posts%20Public%20Service.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director (Resourcing), Public Administration HR Office, Office of the Prime Minister, 3 Castille Place, Valletta via the following email address: (generalservicegrades.resourcing.mpo@gov.mt).

12. Completed applications, accompanied by an up-to-date Service and Leave Record Form (GP47) (applicable only to public officers serving in the Malta Public Service) or with a Certificate of Conduct (applicable only to applicants who are <u>not</u> public officers in the Malta Public Service) together with a European Style Curriculum Vitae (which may be downloaded from the following website: (http://europass.cedefop.europa.eu/en/documents/curriculum-vitae/templates-instructions) and a photocopy of the applicant's official identity card will be received in the first instance by Director (Resourcing), Public Administration HR Office, Office of the Prime Minister, 3 Castille Place, Valleta by not later than noon (Central European Time) of Friday, 30th November 2012.

13. Applications received from abroad through email, fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 30th November 2012 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director (Resourcing), Public Administration HR Office by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The email address is: (generalservicegrades.resourcing.mpo@gov.mt) while the fax number is: +356 2200 1357.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn għand id-Direttur (*Resourcing),* Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttur (*Resourcing),* Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-9 ta' Novembru, 2012

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Ingaġġ mill-Ġdid ta' Uffiċjali Pubbliċi Rtirati u Ingaġġ ta' *External Recruits* Irtirati fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità jilqa' applikazzjonijiet mingħand Prattikanti Mediċi rtirati bil-kwalifiki u b'esperjenza xierqa, li jkunu uffiċjali pubbliċi rtirati jew individwi rtirati li qabel ma kinux uffiċjali pubbliċi iżda li jkollhom l-istess rekwiżiti, għall-post imsemmi hawn taħt:

***Consultant Neurologist* fil-Kura Primarja**

Persuna magħżula tiġi impjegata fuq bażi kuntrattwali *full-time/part-time* li f'ebda każ ma jiġi estiż 'l hinn minn perijodu ta' tnejn u erbgħin (42) xahar jew id-data li fiha l-impjegat ikun għalaq il-ħamsa u sittin (65) sena, skont liema jiġi l-ewwel.

Persuna magħżula titħallas skont ir-regoli u r-regolamenti applikabbli kif determinat mill-Uffiċċju tat-Uffiċjal Mediku Ewlieni.

Persuna magħżula tkun intitolata biss għar-rimunerazzjoni, inklużi benefiċċji, kif stipulati fil-kuntratt tagħha.

Applikanti eliġibbli jiġu eżaminati minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director (Resourcing), Public Administration HR Office and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director (Resourcing), Public Administration HR Office within seven (7) days.

9th November, 2012

MINISTRY FOR HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Re-Engagement of Retired Public Officers and Engagement of Retired External Recruits within the Ministry for Health, the Elderly and Community Care

The Permanent Secretary within the Ministry for Health, the Elderly and Community Care invites applications from suitably qualified and experienced retired Medical Practitioners, being retired public officers or retired individuals not having previously been public officers but who possess the same requisites, for the post specified hereunder:

Consultant Neurologist in Primary Care

A selected applicant will be employed on a full-time/part-time contract basis which shall in no case be extended beyond a period of forty-two (42) months or beyond the employee's sixty-fifth (65th) birthday, whichever is the earlier.

A selected applicant will be paid in accordance with applicable rules and regulations as determined by the Office of the Chief Medical Officer.

A selected applicant shall only be entitled to the remuneration, including benefits, as laid down in their contract.

Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the re-engagement/ engagement.

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mill-Assistant Direttur (Riżorsi Umani), 6, Sqaq Harper, Floriana, FRN 1940 mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Novembru, 2012.

Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn sal-Assistant Direttur (Riżorsi Umani).

Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. L-Assistant Direttur (Riżorsi Umani) jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Tagħrif ieħor għandu jintalab mill-indirizz imsemmi jew fuq (recruitmenthealth.mhec@gov.mt).

Id-9 ta' Novembru, 2012

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami għall-Ingaġġ ta' Suldati Bandisti fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari) - 2012

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat tal-Ewwel Parti (Eżami ta' Effiċjenza Fiżika), intbagħat lill-kandidati. Dawk li għaddew minn dan l-eżami ġew avżati bl-appuntament tal-intervista (It-Tieni Parti).

Dawk l-applikanti li għadhom ma rċevewx l-avviż tal-intervista huma mitluba biex jikkuntattjaw minnufih lid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Floriana, fuq 2598 2231.

Id-9 ta' Novembru, 2012

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami għall-Ingaġġ ta' Suldati fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari) - 2012 (Skema 'A')

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat tal-Ewwel Parti (Eżami ta' Effiċjenza Fiżika), intbagħat lill-kandidati. Dawk li għaddew minn dan l-eżami ġew avżati bl-appuntament tal-intervista (It-Tieni Parti).

Dawk l-applikanti li għadhom ma rċevewx l-avviż tal-intervista huma mitluba biex jikkuntattjaw minnufih lid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Floriana, fuq 2598 2231.

Id-9 ta' Novembru, 2012

Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Applications, together with a curriculum vitae including qualifications and experience, will be received by the Assistant Director (Human Resources), 6, Harper Lane, Floriana FRN 1940 by not later than noon (Central Europe Time) on Friday, 30th November, 2012.

Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Assistant Director (Human Resources) and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Assistant Director (Human Resources) within seven (7) days.

Any queries are to be addressed to the above address or on (recruitmenthealth.mhec@gov.mt).

9th November, 2012

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Examination for Enlistment of Soldier Bandsmen in the Armed Forces of Malta (Regular Force) - 2012

The Director of Examinations notifies that the result for Part I (Physical Efficiency Test) has been sent to candidates. Those who passed this exam have been informed of the date of their respective interview (Part II).

Those candidates who have not yet received the notice of the interview are invited to contact the Department of Examinations, Floriana, immediately on 2598 2231.

9th November, 2012

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Examination for the Enlistment of Soldiers in the Armed Forces of Malta (Regular Force) - 2012 (Scheme 'A')

The Director of Examinations notifies that the result for Part I (Physical Efficiency Test) has been sent to candidates. Those who passed this exam have been informed of the date of their respective interview (Part II).

Those candidates who have not yet received the notice of the interview are invited to contact the Department of Examinations, Floriana, immediately on 2598 2231.

9th November, 2012

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U AFFARIJIET RURALI

Riżultati ta' Intervisti għall-Postijiet
fiil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, jgħarraf illi r-riżultati tal-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn taħt ġew ippubblikati u wieħed jista' jarahom fuq in-*notice-board* prinċipali fid-Direttorat tal-*People Management,* Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Blokk 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:
Boiler Attendant (Grupp III)
Senior Operative (Manutenzjoni) Grupp IV fiċ-Ċentru Malti għar-Riċerki tal-Akwakultura

Id-9 ta' Novembru, 2012

MINISTERU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA,
NEGOZJI ŻGĦAR U L-KONSUMATUR

Riżultati tal-Intervisti għal Post ta' Nutar
fid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern

Id-Direttur Ġenerali (Dipartiment Proprjetà tal-Gvern) jgħarraf li r-riżultat tal-intervisti għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-boards* fid-Dipartiment tal-Proprjetà tal-Gvern, fil-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Palazz, Valletta.

Id-9 ta' Novembru, 2012

MINISTERU GĦALL-INTERN

Riżultat tal-Intervisti għall-Pożizzjoni
ta' *Project Officer and Administrative Officer*
(Proġett tal-ERF)
fil-Kummissjoni tar-Refuġjati

Il-Ministeru għall-Intern jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat tal-intervisti tal-pożizzjoni msemmija hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali fil-Ministeru għall-Intern, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

Id-9 ta' Novembru, 2012

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

Results of Interviews for the Posts within the
Ministry for Resources and Rural Affairs

The Permanent Secretary, Ministry for Resources and Rural Affairs, notifies that the results of the interviews for the undermentioned posts have been published and can be viewed on the main notice-board at the People Management Directorate, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts are the following:
Boiler Attendant (Group III)
Senior Operative (Maintenance) Group IV in the Malta Aquaculture Research Centre

9th November, 2012

MINISTRY FOR FAIR COMPETITION,
SMALL BUSINESS AND CONSUMERS

Results of Interviews for the Post of Notary
at the Government Property Department

The Director General (Government Property Department) notifies that the result of the interviews for the above-mentioned post, has been published and can be viewed on the notice-boards at the Government Property Department, Auberge de Bavière, Valletta and at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

9th November, 2012

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS

Result of Interviews for the Position of
Project Officer and Administrative Officer
(ERF Project)
at the Refugee Commission

The Ministry for Home Affairs notifies that the result of the interviews for the above-mentioned position may be viewed on the main notice-board in the Ministry for Home Affairs, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

9th November, 2012

DIPARTIMENT TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, MALTA

Riżultat għall-Post ta' *Assistant Technical Officer (Maintenance)* fid-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja (Malta)

Id-Direttur Ġenerali, Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja, jgħarraf li r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u qed jintwera fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Sular), Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

Id-9 ta' Novembru, 2012

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet tal-AQA Sajf 2012

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li ċ-ċertifikati tal-Eżamijiet tal-AQA Sajf 2012 issa waslu u jistgħu jinġabru kif ġej:-

Kandidati f'Malta:-
Dipartiment tal-Eżamijiet,
Triq Francesco Buonamici
Floriana

Kandidati f'Għawdex:-
Ċentru tal-Eżamijiet,
Triq Fortunato Mizzi,
Ir-Rabat,
Għawdex

Importanti

Il-kandidati għandhom jiftakru illi ċ-ċertifikati tagħhom jistgħu jinġabru biss meta jippreżentaw il-karta tal-identità tagħhom u r-*result slip*.

Jekk iċ-ċertifikat jinġabar mill-ġenitur/tutur, għandhom jintwerew il-Karta tal-Identità tal-ġenitur/tutur u tal-kandidat.

Id-9 ta' Novembru, 2012

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Rilaxx ta' Impjegati Pubbliċi biex Jaħdmu ma' Organizzazzjonijiet Volontarji li għandhom Uffiċċju Malta u Għawdex

L-Uffiċċju tal-Prim Ministru jilqa' applikazzjonijiet mill-Organizzazzjonijiet Volontarji sabiex jibbenefikaw minn skema fejn impjegati pubbliċi jistgħu jiġu rilaxxati, għal perijodu massimu ta' tnax (12)-il xahar, u bl-

COURTS OF JUSTICE DEPARTMENT, MALTA

Result for the Post of Assistant Technical Officer (Maintenance) at the Courts of Justice Department (Malta)

The Director General, Courts of Justice Department, notifies that the result for the above mentioned post has been published and can be viewed on the notice-board of the Courts of Justice Department (Fourth Floor), Republic Street, Valletta and that of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

9th November, 2012

EXAMINATIONS DEPARTMENT

AQA Summer 2012 Examinations

The Director of Examinations notifies candidates that the certificates in respect of AQA Summer 2012 Examinations have now been received and can be collected as follows:-

Malta candidates:-
Examinations Department
Triq Francesco Buonamici
Floriana

Gozo candidates:-
Examinations Centre,
Triq Fortunato Mizzi
Victoria,
Gozo

Important

Candidates are reminded that certificates can only be collected on presentation of their identity card and result slip.

If the certificate is collected by the parent/guardian, the identity card of both the parent/guardian and the candidate should be presented.

9th November, 2012

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Release of Public Employees to Work with Voluntary Organisations (VOs) with Offices in Malta and Gozo

The Office of the Prime Minister invites applications from Voluntary Organisations to benefit from the scheme whereby interested public employees may be released for a maximum period of 12 months, and for the purpose of

għan li Organizzazzjonijiet Volontarji jtejbu l-kapaċità amministrattiva tagħhom sabiex jissaħħu fl-implimentazzjoni ta' proġetti u attivitajiet.

L-Organizzazzjonijiet Volontarji m'għandhomx ikunu jaħdmu għall-profitt, u d-dħul tagħhom, kapital jew proprjetà ma jkunux ta' benefiċċju, direttament jew indirettament, għal xi promotur, fundatur, membru, amministratur jew benefattur (imma jistgħu jħaddmu impjegati bi ħlas biex jilħqu l-għanijiet tagħhom).

Kriterji ta' Għażla

L-għażla skont din l-iskema hi bbażata fuq il-kriterji li ġejjin:

(a) Kemm ikun relatat mal-prijoritajiet tal-Gvern il-proġett jew l-attività li l-uffiċjal rilaxxat ikun se jwettaq. Tingħata preferenza lill-Organizzazzjonijiet Volontarji li jipprovdu servizz kumplimentari għal servizz provdut mill-Gvern. Hu fl-obbligu tal-Organizzazzjonijiet Volontarji li jikkonfermaw il-livell ta' konverġenza tal-proġett mal-prijoritajiet tal-Gvern;

(b) Il-proposta tal-Organizzazzjoni Volontarja trid telenka għanijiet ċari li jridu jintlaħqu fi żmien stipulat;

(c) L-ammont ta' assistenza (finanzjarja jew taħt xi skema oħra) mill-Gvern li l-Organizzazzjoni tkun diġà qed tirċievi. Prijorità fuq bażi tal-kriterji (a) u (b) imsemmija hawn fuq, tingħata lil dawk l-Organizzazzjonijiet Volontarji li ma jirċevux assistenza finanzjarja.

Kundizzjonijiet għar-Rilaxx

Impjegati pubbliċi jistgħu jiġu rilaxxati mal-Organizzazzjoni Volontarja fuq *leave* speċjali bi ħlas, *full-time*, u għal raġunijiet ta' politka pubblika; dan wara li jkunu ssottomettew l-interess tagħhom għal sejħa għall-espressjoni ta' interess maħruġa mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika sabiex ikunu rilaxxati biex jaħdmu ma' Organizzazzjoni Volontarja. Impjegat wieħed biss jista' jiġi rilaxxat ma' Organizzazzjoni Volontarja waħda, dan sabiex b'hekk il-Gvern ikun jista' jqassam l-assistenza tiegħu fuq proġetti differenti. Meta Organizzazzjoni Volontarja topera uffiċċji separati f'Malta u f'Għawdex, din tista' tibbenefika minn rilaxx ta' impjegat pubbliku, kemm għal Malta kif ukoll għal Għawdex, sakemm ir-rikjesta ta' dan l-uffiċjal addizzjonali tissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija hawn taħt. Il-Gvern iżomm d-dritt li ma jirrilaxxa l-ebda impjegat ma' xi Organizzazzjoni Volontarja, anke jekk din tissodisfa l-kriterji kollha. Il-Gvern iżomm ukoll id-dritt li jagħmel limitu fuq l-ammont ta' assistenza li jagħti.

enhancing Voluntary Organisations' administrative capacity for the improved delivery of their projects and activities.

The Voluntary Organisations must be non profit-making and their income, capital or property is not to be available, directly or indirectly, to any promoter, founder, member, administrator or donor (but they may engage salaried staff to fulfil their purpose).

Criteria for Selection

Selection under this scheme is based on the following criteria:

(a) the closeness of the link between the project or activity to which the Voluntary Organisation proposes to assign the released officer and the priorities established by Government. Priority will be given to Voluntary Organisations providing a service that is complementary to a service provided by Government and it shall be the responsibility of the Voluntary Organisation to demonstrate project alignment with Government policies;

(b) clearly defined deliverables linked to set target dates set out in the proposal submitted by the Voluntary Organisation;

(c) the amount of Government assistance (financial or in kind) which the Voluntary Organisation concerned is already receiving. Priority, subject to criteria (a) and (b) above, will be given to Voluntary Organisations that are not receiving any assistance.

Terms for Release

Following an Expression of Interest issued by the Public Administration HR Office, selected public employees may be assigned to a Voluntary Organisation on special leave with pay, on grounds of public policy, and on a full-time basis. Only one employee may be assigned to any Voluntary Organisation, and this with a view to allow government to spread out its assistance to different types of projects. When a Voluntary Organisation operates separate offices in Malta and in Gozo, the Voluntary Organisation may benefit from the release of a public employee, both for the Malta as well as the Gozo office, provided that the request for the additional public employee satisfies the provisions indicated below. Government reserves the right not to assign any employee to a Voluntary Organisation even if it satisfies all the criteria, Government may also set a limit on the amount of assistance granted.

Ir-rilaxx ta' impjegati pubbliċi mal-Organizzazzjonijiet Volontarji se jkun fuq il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Il-perjodu tar-rilaxx ikun għal tul iż-żmien tal-proġett jew sa massimu ta' tnax (12)-il xahar (liema jkun l-inqas), bil-possibbiltà ta' tiġdid;

Ir-rilaxx taħt din l-iskema jkun ikkomunikat mid-Direttorat tal-*Employee Relationship Management* fi ħdan l-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika, b'konsultazzjoni mal-partijiet involuti, inkluż, fejn applikabbli, mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. Għal dan il-għan, l-Organizzazzjonijiet qed jiġu nfurmati li dan l-uffiċċju jirriżerva d-dritt li jissorvelja jekk il-kundizzjonijiet tar-rilaxx humiex qed jiġu rispettati, kif ukoll jara l-progress li qed isir fuq il-proġett/attività li ġiet proposta. Għal dan il-għan, il-Gvern, jew persuna delegata minnu, jistgħu jagħmlu spezzjonijiet u jitolbu rapporti dwar l-attivitajiet tal-impjegat rilaxxat. Il-Gvern jirriżerva d-dritt li r-rilaxx tal-impjegat jiġi tterminat jekk it-termini miftiehma ma jiġux irrispettati, u dan billi jagħti avviż bil-miktub, ta' ħamest (5) ijiem ta' xogħol bil-quddiem;

Kull xahar l-Organizzazzjoni Volontarja għandha tissottometti kopji verifikati tar-rekords ta' attendenza, approvati mill-Kap tal-Organizzazzjoni, lid-Dipartiment/Direttorat jew Entità minn fejn ikun ġie rilaxxat l-impjegat;

Waqt il-perjodu ta' rilaxx, Uffiċjali Pubbliċi jibqgħu regolati mir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina), filwaqt li impjegati mas-Settur Pubbliku jkunu regolati mir-regolamenti u proċeduri ta' dixxiplina applikabbli fl-Entità li magħha jkunu impjegati; dan bla ebda preġudizzju għar-regolamenti applikabbli fl-Organizzazzjoni li magħha jkunu ġew rilaxxati;

L-impjegati rilaxxati jridu jaħdmu 40 siegħa fil-ġimgħa u huma intitolati għal 192 siegħa *vacation leave* fis-sena. Fil-każ ta' għalliema, dawn ikunu intitolati għall-ekwivalenti ta' 192 siegħa *vacation leave pro-rata* maħduma fuq id-data ta' rilaxx.

Wara li jintemm il-perjodu tal-*leave* approvat, l-impjegat jerġa' jmur lura fid-Dipartiment/Entità minn fejn ġie rilaxxat. L-Organizzazzjoni Volontarja tista' titlob tiġdid tar-rilaxx sakemm jispiċċa l-proġett jew għal massimu ta' tnax (12)-il xahar (liema jkun l-inqas). Ir-rilaxx globali hu għal massimu ta' ħames (5) snin. It-talba għal tiġdid tintbagħat lid-Direttorat tal-*Employee Relationship Management* fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika, sa mhux aktar tard minn xahrejn (2) qabel l-iskadenza tar-rilaxx approvat;

The release of public employees with Voluntary Organisations is based on the following conditions:

The period of release is for the duration of the project or up to a maximum of 12 months (whichever is shortest), with the possibility of renewal;

Release under this scheme is communicated by the Employee Relationship Management Directorate within the Public Administration HR Office, in consultation with relevant stakeholders including, where applicable, the Commissioner for Voluntary Organisations. To this effect, Voluntary Organisations are informed that this office reserves the right to monitor the released employee to ensure conformity with the terms of release, including the ongoing progress of the presented project/activity. Spot checks may be carried out and/or reports on the activities may be required by the employer or by someone delegated on Government's behalf. The employing department/entity reserves the right to withdraw the released employee, by giving a five (5) working days notice in advance, if agreed terms are not honoured;

The Voluntary Organisation is to submit verified attendance records, endorsed by the Head of the Voluntary Organisation, to the respective employing department on a monthly basis;

During the period of release, Public Officers are regulated by the PSC disciplinary procedures and Public Sector Employees are regulated by the respective disciplinary procedures applicable in their employing entity for any misconduct; this without prejudice to the regulations governing the respective Voluntary Organisation;

Released employees will be expected to work a 40 hour week and will be entitled to 192 hours vacation leave yearly. In the case of teachers, the equivalent of 192 hours vacation leave entitlement will be granted pro-rata, depending on the date of release;

At the expiration of the approved leave, the released employees shall revert to their employing department/entity. The Voluntary Organisation may request a further period of release for the remaining duration of the project or for 12 months (whichever is the shortest), subject to a maximum aggregate of five (5) years. This request for a further period of leave is to be submitted to the Employee Relationship Management Directorate within the Public Administration HR Office, not later than two (2) months prior to the expiry of the approved release;

L-Organizzazzjoni Volontarja għandha tibgħat rapport lis-Segretarju Permanenti kkonċernat dwar il-progress milħuq fir-rigward tar-riżultati tal-proġett kif oriġinarjament speċifikati. Fuq dan ir-rapport, is-Segretarju Permanenti, jirrikkmanda lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika jekk it-tiġdid tar-rilaxx għandux ikun approvat jew le.

L-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' wkoll jassenja ma' Organizzazzjonijiet Volontarji impjegati pubbliċi fuq *leave* mingħajr ħlas, għal raġunijiet ta' politka pubblika. Ir-rilaxx isir skont il-kundizzjonijiet elenkati hawn fuq.

L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu:

1) Dikjarazzjoni, fejn applikabbli, li tistabbilixxi l-iskop/missjoni tal-Organizzazzjoni u telenka l-iskop soċjali jew ta' karità tal-Organizzazzjoni Volontarja f'konformità mal-Att dwar *Trusts* u *Trustees;*

2) Kopja tal-Istatut tal-Organizzazzjoni Volontarja. Dan m'hemmx għalfejn jintbagħat jekk tinsab *online,* (niżżel l-indirizz *online)* jew jekk tkun diġà ntbagħtet u ma jkunx sar tibdil;

3) Proposta li turi ċar il-proġett jew attività li fuqha l-uffiċjal se jkun assenjat. Il-proposta għandha tiddefinixxi b'mod ċar il-benefiċċji li se joħorġu mill-proġett/attivitajiet proposti, u għandha tingħata data preċiża sa meta l-proġett/attività trid titlesta. Il-proposta għandha turi b'mod ċar il-livell ta' konverġenza mal-prijoritajiet tal-Gvern. Jekk il-proġett/attività se ssir barra minn Malta, huwa importanti ħafna li dan jintwera ċar fuq il-proposta li tintbagħat;

4) Dikjarazzjoni li turi kull assistenza (kemm finanzjarja jew xort'oħra) u taħt kull skema, li l-Organizzazzjoni Volontarja qed tirċievi mill-Gvern;

5) Indikazzjoni ta' inizjattivi konkreti, minbarra s-servizz normali li tagħti l-Organizzazzjoni Volontarja, li tista' toffri lis-Servizz Pubbliku eż. *Lectures* bla ħlas, *open days* jew xi servizz ieħor.

6) Organizzazzjonijiet Sportivi għandhom jinkludu dikjarazzjoni mill-Kunsill Malti għal-Isport li tikkonferma li l-Organizzazzjoni hi rreġistrata mal-Kunsill, skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-I*sports* (Kap. 455), u li l-Organizzazzjoni tirrappreżenta attivament lil Malta f'attivitajiet sportivi.

The Voluntary Organisation is required to submit a report, to the respective Permanent Secretary, on the progress achieved in relation to the project deliverables originally specified. When informing the Public Administration HR Office and recommending whether the additional period of release should be approved or otherwise, the respective Permanent Secretary is to take this report into account.

The Public Administration HR Office may also, at its discretion, assign public employees to Voluntary Organisations on leave without pay on grounds of public policy. These public officers may also be released on the basis of the above-mentioned criteria.

Submitted applications are to include the following:

1) A statement, where applicable, setting out the scope/mission of the organisation, which scope/mission should, in conformity with the Trusts and Trustees Act, portray the social/charitable purpose of the organisation.

2) A copy of the Organisation's statute. This will not be required if the statute is accessible online (indicate online address) or if there are no amendments to a previous submission.

3) A proposal detailing a clear project or activity to which the requested officer will be assigned. The proposal must also clearly define the benefits originating from the proposed project and/or activity and give target deadlines for the completion of the proposed project/activity. The proposal should clearly show the level of alignment with Government policy. If the place where the project/activity will be taking place is outside Malta, it is particularly important that this is clearly indicated in the submitted proposal.

4) A statement detailing assistance of any type (financial or otherwise) and under any scheme already being received by the organisation from Government.

5) An indication of any concrete initiatives, apart from the usual activities of the Voluntary Organisation, which the Voluntary Organisation can offer the Public Service e.g. free lectures, open days or other useful services.

6) In the case of Sport Organisations, applicant organisations are to submit a declaration by the Malta Sport Council (Kunsill Malti għall-Isport) confirming that, in accordance with the provisions of the Sports Act (Cap. 455), the Organisation is registered with the Council and that the Organisation actively represents Malta in sporting activities.

7) Fil-każ li Organizzazzjoni Volontarja diġà għandha impjegat pubbliku rilaxxat magħha fl-uffiċċju f'Malta u qed tapplika għal rilaxx ta' impjegat pubbliku għall-uffiċċju f'Għawdex, għandu jingħata wkoll l-indirizz uffiċjali tal-uffiċċju f'Għawdex. L-istess japplika f'każ li Organizzazzjoni Volontarja li diġà għandha impjegat pubbliku rilaxxat magħha fl-uffiċċju f'Għawdex, u qed tapplika għal rilaxx ta' impjegat pubbliku għall-uffiċċju f'Malta.

Jekk Organizzazzjoni Volontarja ssottomettiet applikazzjoni għar-rilaxx ta' impjegat pubbliku skont in-notifika ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Ġunju 2012 u ebda impjegat pubbliku ma ġie identifikat għar-rilaxx, l-istess Organizzazzjoni Volontarja m'għandhiex għalfejn terġa' tissottometti applikazzjoni oħra.

L-applikazzjonijiet, bl-informazzjoni kollha, għandhom jintbagħtu lid-Direttorat tal-*Employee Relationship Management,* fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Il-Belt Valletta, VLT 2000. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sal-Ġimgħa, it-23 ta' Novembru 2012.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew mhux kompluti jiġu awtomatikament rifjutati. Il-Gvern iżomm id-dritt li jappoġġa Organizzazzjonijiet Volontarji taħt termini u kundizzjonijiet oħra, iżda r-rilaxx taħt it-termini ta' dan l-avviż huwa esklussiv għat-termini u l-kundizzjonijiet hawn fuq imsemmija.

Ref. Nru. PAHRO 200/2010

Id-9 ta' Novembru, 2012

7) In the case where a Voluntary Organisation has a public employee assigned to the office in Malta and is applying for the release of a public employee for the Gozo Office, the official Gozo office address must also be supplied. Likewise, in the case where a Voluntary Organisation has a public employee assigned to the office in Gozo and is applying for the release of a public employee for the office in Malta, the official Malta office address must be supplied.

If a Voluntary Organisation has submitted an application for the release of a public employee in terms of the notice issued in Government Gazette dated 15th June 2012 and no public employee was identified for release, the same VO does not need to submit a new application.

Completed applications are to be addressed to the Director, Employee Relationship Management, Public Administration HR Office, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta and received by not later than Friday, 23rd November 2012.

Late or incomplete applications will be automatically refused. The employer reserves the right to support organisations under other terms and conditions but release in terms of this circular is exclusive to the terms and conditions mentioned herein.

Ref. No. PAHRO 200/2010

9th November, 2012

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI
(KAP. 117)

Regolamenti tal-1975 dwar Ċentri tas-Swieq ta' Prodotti tal-Biedja

Avviż ta' Ħinijet ta' Ftuħ

Fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu skont ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1975 dwar Ċentri tas-Swieq ta' Prodotti tal-Biedja, id-Direttur responsabbli għas-swieq bl-ingrossa jgħarraf illi, minn nhar il-Ħamis, it-8 ta' Novembru, 2012, iċ-ċentru tas-swieq ta' prodotti tal-biedja (il-Pitkalija) kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis se tibda tkun miftuħa għan-negozju kif ġej:

Bdiewa	6.00 a.m. 'l quddiem
Xerrejja	8.00 a.m. sat-8.30 a.m. (bil-mixi)
Xerrejja	8.30 a.m. 'l quddiem (bil-vetturi)
Pubbliku	nofsinhar 'l quddiem

Id-9 ta' Novembru, 2012

SUPPLIES AND SERVICES ACT
(CAP. 117)

Agricultural Marketing Centres Regulations, 1975

Notice of Opening Hours

In exercise of his duties in terms of regulation 4 of the Agricultural Marketing Centres Regulations, 1975, the Director responsible for wholesale markets notifies that as from Thursday, 8th November, 2012, the agricultural marketing centre (Pitkalija) shall be open for business every Tuesday and Thursday as follows:

Farmers	6.00 a.m. onwards
Hawkers	8.00 a.m. to 8.30 a.m. (on foot)
Hawkers	8.30 a.m. onwards (with vehicles)
General Public	noon onwards

9th November, 2012

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża illi, b'referenza għall-avviżi l-ġodda li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Sal-10.00 a.m. il-ĦAMIS, l-20 ta' Diċembru, 2012, għal:

CT/A/035/2012 – Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3049/2012. *Project management, technical design* u superviżjoni tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-*Masterplan* taċ-Ċittadella – Ministeru għal Għawdex. Kopja tad-dokument tal-offerta jista' jitniżżel mill-*website:* (http://www.contracts.gov.mt).

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*International Accelerated Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija ffinanzjata parzjalment mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond ta' Koeżjoni – Programm Operattiv I – Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-6 ta' Novembru, 2012.

CT/A/036/2012 – Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2170/2012. Tkomplija ta' għaxar (10) appartamenti f'56, Triq l-Argotti, Floriana – Awtorità tad-Djar. Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website:* (http://www.contracts.gov.mt).

Sal-10.00 a.m. it-TLIETA, it-8 ta' Jannar, 2013, għal:

CT 193/2012 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3080/2012. Provvista, bit-trasport b'kollox, ta' *containers* għas-*Civic Amenity Site* f'Ta' Qali – WasteServ Malta Ltd. Irid jitħallas dritt ta' €20.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt Il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-Kompetittività għall-Kwalità ta' Ħajja Aħjar.

CT 194/2012 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3096/2012. Rijabilitazzjoni tal-bur mielaħ u tindif tax-xagħri fil-proġett tas-Salini, Triq is-Salini, San Pawl il-Baħar – Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Irid jitħallas dritt ta' €40.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Dan huwa *Works Contract Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali 2007-2013 – L-Ewropa tinvesti f'Żoni Rurali.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following new advertisements will be received on the dates and times indicated below. Tenders are to be deposited in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 20th December, 2012, for:

CT/A/035/2012 – Contracts Ref No, CT 3049/2012. Project management, technical design and supervision of the implementation of the Cittadella Masterplan Recommendations – Ministry for Gozo. A copy of the tender document may be downloaded from the website: (http://www.contracts.gov.mt).

This is a Service Notice under the International Accelerated Open Tender Procedure. This tender is part financed by the European Union under the Cohesion Fund – Operational Programme I – Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life.

The EU Contract Notice was dispatched on 6th November, 2012.

CT/A/036/2012 – Contracts Ref No, CT 2170/2012. Finishing of ten (10) apartments at 56, Triq l-Argotti, Floriana – Housing Authority. A copy of the tender document may be downloaded from the website: (http://www.contracts.gov.mt).

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 8th January, 2013, for:

CT 193/2012 - Contracts Ref No, CT 3080/2012. Supply and delivery of containers for the Ta' Qali Civic Amenity Site – WasteServ Malta Ltd. A fee of €20.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supplies Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life.

CT 194/2012 - Contracts Ref No, CT 3096/2012. Rehabilitation of the salt marsh and cleaning of the garrigue, Salini Salt Pans, Triq is-Salini, St. Paul's Bay – Ministry for Resources and Rural Affairs. A fee of €40.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Contract Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Agricultural Fund for Rural Development 2007-2013 – Europe Investing in Rural Areas.

CT 195/2012 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3118/2012. Kostruzzjoni u xogħlijiet ta' tlestija għal mina taħt l-art fi Triq is-Salini, San Pawl il-Baħar – Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Dan huwa *Works Contract Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali 2007-2013 – L-Ewropa tinvesti f'Żoni Rurali.

Lista tal-avviżi kurrenti tinsab permezz tas-sit tad-Dipartiment fuq: (http://www.contracts.gov.mt/current_tenders).

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu biss minn fuq is-sit tad-Dipartiment tal-Kuntratti: (http://www.contracts.gov.mt). L-offerenti huma avżati li mill-istess sit, jistgħu jniżżlu previżjoni tad-dokumenti, bla ħlas. Tinħtieġ reġistrazzjoni sabiex isir użu tas-servizzi elettroniċi tad-Dipartiment: iktar informazzjoni tinsab fuq: (http://www.contracts.gov.mt/help?l=2). Is-sit jipprovdi wkoll informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Id-9 ta' Novembru, 2012

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża lill-offerenti kollha illi skont l-AL 296 tal-2010 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2010 ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti għar-rigward tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara 12.00 (nofsinhar). **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*website* uffiċjali tad-Dipartiment: (http://www.contracts.gov.mt).**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġeneral (Kuntratti) skont Partijiet II jew XIII tal-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-Parti tar-Regolamenti.

Id-9 ta' Novembru, 2012

CT 195/2012 - Contracts Ref No, CT 3118/2012. Construction and finishing works of an underpass tunnel at Salini Street, St. Paul's Bay – Ministry for Resources and Rural Affairs. A fee of €25.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Contract Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Agricultural Fund for Rural Development 2007-2013 – Europe Investing in Rural Areas.

A list of all current advertisements is available from the Department's website: (http://www.contracts.gov.mt/current_tenders).

Tender documents are only obtainable from the website of the Department of Contracts: (http://www.contracts.gov.mt). Tenderers are reminded that from this website, they can download preview documents for free. Registration is required in order to make use of the electronic services of the Department: more information is available from: (http://www.contracts.gov.mt/help). The website also provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

9th November, 2012

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of LN 296 of 2010 of the Public Contracts Regulations 2010 recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after 12.00 (noon). **Tenderers may also obtain this information by utilizing the Department's official website: (http://www.contracts.gov.mt).**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) in accordance with Parts II or XIII of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this Part of the Regulations.

9th November, 2012

DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET

Il-Kummissarju tal-Artijiet jgħarraf li:

Offerti magħluqin għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, il-15 ta' Novembru, 2012.

Avviż Nru. 130. Bejgħ ta' żewġ (2) siti fi Triq it-Twila kantuniera ma Triq Paris, Ħaż-Żebbuġ, Malta, kif murija bl-aħmar u mmarkati 1 u 2 fuq pjanta P.D.309_2003. Sit Nru. 2 biss qiegħed jinbiegħ mil-livell tal-ewwel sular 'l fuq. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €1,500 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' għoxrin elf, tmien mija u disgħa u tletin Ewro (€20,839) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 131. Bejgħ ta' sit fi Triq il-Fortizza tal-Mosta, In-Naxxar, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.293_2004_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €50,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħames mija u ħamsin elf Ewro (€550,000) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €100 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 132. Kiri, *tale quale,* tal-*Boathouse* Nru. 3 taħt Dawret il-Gżejjer, San Pawl il-Baħar, murija bl-aħmar fuq pjanta P.D.2011_1163. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 133. Kiri ta' Garaxx Nru. 25, Triq il-Ġjaċinti, Ħaż-Żabbar, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.37/81/50. Offerti anqas mill-ammont ta' ħames mija u tnejn u għoxrin Ewro (€522) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 134. Kiri, *tale quale,* bid-difetti moħbija kollha li jista jkun hemm, ta' Maħżen Nru. 6, is-Sur ta' San Ġwann, Bormla, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2006_666. Offerti anqas mill-ammont ta' mitt Ewro (€100) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 15th November, 2012.

Advt. No. 130. Sale of the two (2) sites in Triq it-Twila corner with Triq Paris, Ħaż-Żebbuġ, Malta, as shown edged in red and marked 1 and 2 on plan P.D.309_2003. Site No. 2 only is being sold from the first floor level upwards. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,500 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty thousand eight hundred and thirty nine Euro (€20,839) will not be considered

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 131. Sale of a site in Triq il-Fortizza tal-Mosta, Naxxar, shown edged in red on plan P.D.293_2004_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of five hundred and fifty thousand Euro (€550,000) will not be considered.

A fee of €100 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 132. Lease, tale quale, of Boathouse No. 3, underlying Dawret il-Gżejjer, Saint Paul's Bay, shown edged in red on plan P.D.2011_1163. Offers below the amount of one thousand five hundred Euro (€1,500) per annum will not be considered.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 133. Lease of Garage No. 25, Triq il-Ġjaċinti, Ħaż-Żabbar, shown edged in red on plan P.D.37/81/50. Offers below the amount of five hundred and twenty two Euro (€522) per annum will not be considered.

A fee of €10 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 134. Lease, tale quale and including any latent defects, of Store No. 6, Saint John's Bastion, Bormla, shown edged in red on plan P.D.2006_666. Offers below the amount of one hundred Euro (€100) per annum will not be considered.

Irid jitħallas dritt ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 135. Għotja b'ċens temporanju, għal perjodu ta' ħamsa u sittin (65) sena, tal-Fond f'Tul-il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħaq limiti tan-Naxxar, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2007_871. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €5,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf u ħames mitt Ewro (€27,500) fis-sena ma' jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 136. Kiri ta' Maħżen Nru. 156, Triq il-Wied tal-Imsida, L-Imsida, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 2010_890. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Offerti magħluqin għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, id-29 ta' Novembru, 2012.

*Avviż Nru. 137. Bejgħ ta' sit fi Triq il-Gardiel kantuniera ma Triq in-Nadur, Marsaskala, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2012_160. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €50,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u ħamsa u sebgħin elf ewro (€175,000) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €100 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

*Avviż Nru. 138. Għotja b'ċens perpetwu rivedibbli tal-Fond Nru. 68, Triq Ħal Qormi, Il-Ħamrun, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_55_2007_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €1,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħamest elef, mitejn u ħamsin ewro (€5,250) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

*Avviż Nru. 139. Bejgħ tas-sehem indiviż ta' 7.986% mill-Fond Nru. 30, Triq Vilhena, Ħaż-Żebbuġ, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2012_494. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt

A fee of €10 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 135. Grant on a temporary emphyteusis, for a period of sixty five (65) years, of the Premises in the Coast Road, Baħar iċ-Ċagħaq limits of Naxxar, shown edged in red on plan P.D.2007_871. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €5,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty seven thousand five hundred Euro (€27,500) per annum will not be considered.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 136. Lease of Store No. 156, Triq il-Wied tal-Imsida, Msida, shown edged in red on plan P.D. 2010_890. Offers below the amount of one thousand five hundred Euro (€1,500) per annum will not be considered.

A fee of €10 will be charged for each copy of tender document.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 29th November, 2012.

*Advt. No. 137. Sale of a site in Triq il-Gardiel corner with Triq in-Nadur, Marsaskala, shown edged in red on plan P.D.2012_160. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and seventy-five thousand Euro (€175,000) will not be considered

A fee of €100 will be charged for each copy of tender document.

*Advt. No. 138. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the Premises No. 68, Triq Ħal Qormi, Ħamrun, shown edged in red on plan P.D.JO_55_2007_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of five thousand two hundred and fifty Euro (€5,250) per annum will not be considered.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

*Advt. No. 139. Sale of the 7.986% undivided share of the Premises No. 30, Triq Vilhena, Ħaż-Żebbuġ, shown edged in red on plan P.D.2012_494. This tender is subject to

tal-ewwel rifjut. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €1,500 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sbatax-il elf ewro (€17,000) ma jiġux ikkunsidrati

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

*Avviż Nru. 140. Għotja b'ċens temporanju, għal perjodu ta' ħamsin (50) sena, biex jintuża esklussivament għall-bini ta' post ta' qima reliġjuża u faċilitajiet anċillari, tas-sit fi Triq Wied Għollieqa, San Ġwann, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2010_527. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €2,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000) fis-sena ma' jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €100 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

*Avviż Nru. 141. Kiri tal-Ħanut vojt Nru. 40 (qabel Nru. 15), Triq Sant'Anna, Floriana, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 2005_364. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut. Offerti anqas mill-ammont ta' tliet elef u ħames mitt ewro (€3,500) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

*Avviż Nru. 142. Għotja b'ċens temporanju, għal perjodu ta' ħamsa u sittin (65) sena, ta' sit fil-Bajja ta' Spinola, San Ġiljan, kif muri bl-aħmar u mmarkat A fuq pjanta P.D.2012_187. Dan is-sit jintuża esklussivament għat-twaqqigħ u l-bini mill-ġdid tal-latrini pubbliċi. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €1,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' disa' mitt ewro (€900) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

*Avviż Nru. 143. Kiri, għal skop kummerċjali, ta' sit fil-Bajja ta' Spinola, San Ġiljan, kif muri bl-aħmar u mmarkat B fuq pjanta P.D.2012_187. Dan is-sit hu soġġett għal servitù ta' aċċess a favur tal-proprjetà adjaċenti. Offerti anqas mill-ammont ta' tliet elef u ħames mitt ewro (€3,500) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

a right of first refusal. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,500 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of seventeen thousand Euro (€17,000) will not be considered

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

*Advt. No. 140. Grant on a temporary emphyteusis, for a period of fifty (50) years, to be used exclusively for the construction of a place of religious worship and ancillary facilities, of a site in Triq Wied Għollieqa, San Ġwann, shown edged in red on plan P.D.2010_527. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €2,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of ten thousand Euro (€10,000) per annum will not be considered.

A fee of €100 will be charged for each copy of tender document.

*Advt. No. 141. Lease of the bare Shop No. 40 (previously No. 15), Triq Sant'Anna, Floriana, shown edged in red on plan P.D.2005_364. This tender is subject to a right of first refusal. Offers below the amount of three thousand five hundred Euro (€3,500) per annum will not be considered.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-*Accounts* tal-Kunsill Malti għall-Isport, Kumpless Sportiv Kottonera, Vjal Kottoner, Bormla BML 9020, bejn it-8.00 a.m. u n-12.30 p.m.. u s-1.30 p.m. u l-4.00 p.m.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jitniżżlu wkoll mill-*website* tal-KMS: (www.sportmalta.org.mt).

Id-9 ta' Novembru, 2012

MALTA COLLEGE OF ARTS,
SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Principal of the Malta College of Arts, Science and Technology notifies that:-

Tenders from interested parties should be placed in the pre-addressed envelope and deposited in the appropriate tender box at the Administration Building at the address below, by not later than 10.00 a.m. on Thursday, 15th November 2012, for:-

Advt. No. MCAST T. 18/2012. Printing of the MCAST Prospectus 2013-2015.

Tender documents may be collected from the Purchasing Department at the MCAST Administration Building at the address below, from Monday to Friday, from 8.30 a.m. till noon, and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m. A bid bond of €500 is required on submission of tenders.

MCAST reserves the right to accept or refuse in part or in whole, any or all tenders submitted.

MCAST Main Campus
Corradino Hill, Paola PLA 9032, Malta
Tel: 2398 7100 Fax: 2398 7316
Email: (tenders@mcast.edu.mt)
Website: (www.mcast.edu.mt)

9th November, 2012

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

The Kunsill Malti għall-Isport notifies that:

Sealed tenders will be received up to noon on Friday, 23rd November, 2012, for:-

Advt. No. KMS/TEN/039/2012. Landscaping and maintenance services at Ta' Qali open gym and surroundings.

This tender is free of charge.

Tender documents and conditions can be collected from the Accounts Office of the Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cottoner Avenue, Cospicua BML 9020, between 8.00 a.m. and 12.30 p.m.. and 1.30 p.m. and 4.00 p.m.

Tender documents can also be downloaded from KMS website on: (www.sportmalta.org.mt).

9th November, 2012

DIRETTORAT GĦAT-TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA

Id-Direttur, Tagħlim Tul il-Ħajja, jgħarraf illi:

Sal-11.00 a.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Novembru 2012, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:

Kwot. Nru. DLLL (2012) STEPS Call for quotations No. ESF 1.25/6. Provista u konsenja ta' oġġetti ta' *stationery* għall-uffiċċji tal-STEP.

Il-kwotazzjonijiet, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra, jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas mit-Taqsima tal-*Procurement*, Kamra 144, fid-Diviżjoni tas-*Support Services*, Triq Francesco Buonamici, Floriana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

Il-kwotazzjonijiet għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti li tinsab fil-Kamra 144 imsemmija hawn fuq.

Il-Fergħa tal-*Procurement* u l-Amministrazzjoni fid-Diviżjoni tas-*Support Services* tgħarraf illi dawk interessati jistgħu jattendu u jaraw il-ftuħ u skedar tal-offerti fid-data u l-ħin stipulati.

Id-9 ta' Novembru, 2012

DIRECTORATE FOR LIFELONG LEARNING

The Director, Lifelong Learning, notifies that:

Sealed quotations will be received up to 11.00 a.m. (Central Europena Time) of Friday, 23rd November, 2012, for:

Quot. No. DLLL (2012) STEPS Call for Quotations No. ESF 1.25/6. Supply and delivery of stationary items for the STEPS offices.

Quotations, together with the relative conditions and other documents, are obtained free of charge from the Procurement Section, Room 144 of the Support Services Division, Triq Francesco Buonamici, Floriana, on any working day between 8.30 a.m. and 11.30 a.m.

Quotations must be deposited in the tender box found at Room 144 as per above.

The Procurement and Administration Branch of the Support Services Division notifies that interested parties may attend and witness the opening and scheduling of quotations on the appointed date and time.

9th November, 2012

Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Insaħħu Ħilitna għal Aktar Impiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Kwotazzjoni parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-Futur Tiegħek

Operational Programme II – Cohesion Policy 2007-2013
Empowering People for More Jobs and a Better Quality of Life
Quotation part-financed by the European Union
European Social Fund (ESF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your future

MALTA ENTERPRISE/MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD

Iċ-*Chairman,* Malta Enterprise/Malta Industrial Parks Ltd, javża illi b'referenza għall-offerti li ġejjin, jintlaqgħu offerti magħluqin fid-data indikata ħawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti fl-uffiċċju tal-Malta Enterprise/Malta Industrial Parks Ltd, Telgħa ta' Gwardamanġa, Tal-Pietà MEC 0001:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, it-3 ta' Diċembru, 2012, għal:-

Avviż Nru. MIP/TQF/GGX/D37/12. Xogħlijiet ċivili fuq barra u ġewwa fil-*Business 1st Offices* fix-Xewkija.

MALTA ENTERPRISE/
MALTA INDUSTRIAL PARKS LIMITED

The Chairman, Malta Enterprise/Malta Industrial Parks Limited notifies that sealed tenders in respect of the following notices will be received on the date indicated below. The tenders are to be deposited in the tender box at the offices of Malta Enterprise/Malta Industrial Parks Ltd at Gwardamanġa Hill, Tal-Pietà MEC 0001:-

Up to 10.00 a.m. on Monday, 3rd December, 2012, for:-

Advt. No. MIP/TQF/GGX/D37/12. Internal and external civil works at Xewkija Business 1st Offices.

Avviż Nru. MIP/TQF/GEN/D38/12. Provvista u installazzjoni ta' għamara fil-*Business 1st Offices* fix-Xewkija u Smart City.

M'hemmx ħlas għal parteċipazzjoni

Dettalji dwar l-offerti u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Procurement* tal-Malta Enterprise billi tintbagħat *email* fuq: (tenders@maltaenterprise.com) jew mill-Paġna tal-Offerti mis-sit ta' Malta Enterprise: (http://www.maltaenterprise.com/en/tenders).

L-applikazzjonijiet jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali.

Id-9 ta' Novembru, 2012

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI TA' ĦARSIEN SOĊJALI

Il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali tgħarraf illi:

Sa mhux aktar tard mill-10.00 a.m. tat-Tlieta, 4 ta' Diċembru, 2012, tilqa' offerti magħluqin bit-titolu u l-kodiċi tal-offerta, flimkien mad-dokumenti neċessarji kollha, għal:-

Avviż Nru. FSWS/12/35. Xogħlijiet ta' brix, tikħil, irfinar u żebgħa fuq il-faċċata tal-uffiċini tal-Aġenzija Appoġġ (Gwardamanġa)

Kopji tad-dokumenti tal-offerta jistgħu jinġabru bla ħlas mill-Uffiċċju Priniċipali tal-Fondazzjoni f'2, Triq Braille, Santa Venera.

L-offerti, għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti fl-istess Uffiċċju, 2, Triq Braille, Santa Venera.

It-titolu u l-kodiċi tal-offerta kif imsemmi hawn fuq għandhom jinkitbu b'mod ċar fuq l-envelop magħluq, u indirizzat lil:

Kap Eżekuttiv
Uffiċċju Prinċipali
Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali
2, Triq Braille,
St. Venera, SVR 1690.

Id-9 ta' Novembru, 2012

Advt. No. MIP/TQF/GEN/D38/12. Supply and installation of furniture at Xewkija and Smart City Business 1st Offices.

Participation for these tenders is free of charge.

The above tenders and further documentation may be obtained from the Procurement Section of Malta Enterprise by sending an email to: (tenders@maltaenterprise.com) or viewed on the Tenders Page of the Malta Enterprise website: (http://www.maltaenterprise.com/en/tenders).

All applications will be treated in strict confidence.

9th November, 2012

FOUNDATION FOR SOCIAL WELFARE SERVICES

The Foundation for Social Welfare Services notifies that:-

Sealed tenders, marked with the tender's title and code, complete with all required documents, will be received by not later than 10.00 a.m. of Tuesday 4th December, 2012, for:

Advt. No. FSWS/12/35. Rendering, plastering and finishing of the Appogg Operations Office Façade (Gwardamanġa)

Copy of the tender documents can be collected for free from the Foundation's Head Office, 2, Triq Braille, Santa Venera.

Tenders are to be submitted in the tender box at the same Office, 2, Triq Braille, Santa Venera.

The tender's title and code as stated above should be written clearly on the sealed envelope, and addressed to:

The Chief Executive Officer
Head Office
Foundation for Social Welfare Services,
2, Triq Braille,
St. Venera, SVR 1690.

9th November, 2012

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FSE) tgħarraf illi:

Sal-11.00 a.m. tal-Ġimgħa, 30 ta' Novembru, 2012, fil-Fondazzjoni fil-Kulleġġ San Nikola, Skola Sekondarja tas-Subien, l-Imtarfa, jintlaqgħu offerti magħluqin gal:-

Avviż Nru. FES/05/2012. Servizzi ta' tindif li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent fl-FES Childcare Centre fin-Naxxar.

Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel minn fuq (www.fes.org.mt).
Email: (fes@gov.mt)
Tel. No: 2258 6810

Id-9 ta' Novembru, 2012

FOUNDATION FOR EDUCATIONAL SERVICES

The Foundation for Educational Services (FES) notifies that:

Sealed tenders will be received by the Foundation at St Nicholas College Boys' Secondary School, Mtarfa MTF 1140 up to 11.00 a.m. of Friday, 30th November, 2012, for:-

Advt. No. FES/05/2012. Environmentally friendly cleaning services for FES Childcare Centre at Naxxar.

A copy of the tender document can be downloaded from (www.fes.org.mt).
Email: (fes@gov.mt)
Tel. No: 2258 6810

9th November, 2012

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Sejħa għall-Kwotazzjonijiet

Il-Kap Eżekuttiv tal-MEPA jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Erbgħa, 21 ta' Novembru 2012, fil-Kaxxa tal-Kwotazzjonijiet li tinsab fil-Foyer tal-MEPA, f'St Francis Ravelin, Floriana, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. QT 10/2012. Sejħa għall-Kwotazzjonijiet għall-provvediment ta' *A3 Image Scanner*

Kopja elettronika tas-sejħa għall-kwotazzjonijiet tista' titniżżel bla ħlas minn fuq is-sit tal-MEPA (http://www.mepa.org.mt/info-quotes)

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-ICTs Unit billi tintbagħat talba permezz tal-posta elettronika fuq l-indirizz: (ict_quotations@mepa.org.mt) sa mhux aktar tard mill-4.00 p.m., tal-Erbgħa, 14 ta' Novembru, 2012.

Il-MEPA żżomm id-dritt li tirrifjuta parti minn jew il-kwotazzjoni sħiħa, jew parti minn jew il-kwotazzjonijiet kollha mitfugħa, inkluż l-aktar vantaġġużi/a.

Proposti li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Id-9 ta' Novembru, 2012

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Call for Quotations

The Chief Executive Officer of MEPA notifies that:-

Sealed quotations will be received in the Quotation Box at MEPA Foyer, St Francis Ravelin, Floriana up to 10.00 a.m. (Central European Time) on Wednesday, 21st November, 2012, for:

Quot. No. QT 10/2012. Call for Quotations for the provision of an A3 Image Scanner

An electronic copy of the call for quotations can be downloaded free of charge from MEPA's website (http://www.mepa.org.mt/info-quotes).

Further information may be obtained from the ICT Unit by sending an email request on the following address: (ict_quotations@mepa.org.mt) by not later than 4.00 p.m. of Wednesday, 14th November, 2012.

MEPA reserves the right to refuse part, or whole/any or all of the quotations submitted, including the most advantageous.

Late submissions will not be considered.

9th November, 2012

AWTORITÀ TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

Iċ-*Chairman* tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 30 ta' Novembru 2012, fil-kaxxa tal-offerti li tinsab fil-Ħames Sular, Mizzi House, Blata l-Bajda, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Provvediment ta' verifikazzjoni ta' *sick leave* tal-impjegati tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.

Kopja tad-dokumenti tal-kwotazzjoni jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas mis-sit elettroniku (http://www.mccaa.org.mt) jew permezz ta' *email* mibgħuta fuq (info@mccaa.org.mt) f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar. Kull tagħrif ieħor jista' jinkiseb fuq numru tat-telefon 2395 2000.

Sottomissjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Id-9 ta' Novembru, 2012

MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

The Chairman of the Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA), notifies that:-

Sealed quotations will be received in the tender box at the Fifth Floor, Mizzi House, Blata l-Bajda up to noon of Friday, 30th November, 2012, for:-

Provision of sick leave verification of Malta Competition and Consumer Affairs Authority employees.

A copy of the quotation documents may be downloaded free of charge from the website: (http://www.mccaa.org.mt) or through an email sent to (info@mccaa.org.mt) on any working day betwen 8.00 a.m. and noon. Any further information may be obtained by phoning 2395 2000.

Late submissions will not be considered.

9th November, 2012

KORPORAZZJONI GĦAR-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR

Il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir tgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, il-21 ta' Novembru, 2011, jintlaqgħu offerti magħluqin, kompluti bid-dokumenti meħtieġa kollha, għal:-

Avviż Nru. 012/2012-D1C. Tneħħija u tibdil ta' struttura perikoluża (soqfa tal-konkos) f'Xatt ir-Risq, Bormla.

Il-ħlas għandu jsir permezz ta' ċekk li jitħallas lil Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir plc.

Il-partijiet interessati huma mistiedna jiġbru kopja tad-dokument tal-offerta wara li jitħallas dritt ta' €50 minn dan l-indirizz:

Il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir plc
Malta Transport Centre,
Blokk C, Livell 2
Xatt l-Għassara tal-Għeneb,
Marsa MRS1917
Telefon: (+356) 2291 4849; *Fax*: (+356) 2123 2475
Email: ghrc@gov.mt

Id-9 ta' Novembru, 2012

GRAND HARBOUR REGENERATION CORPORATION

The Grand Harbour Regeneration Corporation notifies that:

Sealed tenders, complete with all the required documents, are to be submitted by not later than noon on Wednesday, 21st November, 2012, for:–

Advt. No. GHRC 012/2012-D1C. Removal and replacement of dangerous structure (concrete roofs) at Xatt ir-Risq, Cospicua.

Payments should be made by cheque payable to the Grand Harbour Regeneration Corporation plc.

Interested parties are invited to collect a copy of the tender document against a payment fee of €50 from the following address:

The Grand Harbour Regeneration Corporation plc
Malta Transport Centre,
Block C, Level 2
Xatt l-Għassara tal-Għeneb,
Marsa MRS1917
Telephone: (+356) 2291 4849; Fax: (+356) 2123 2475
Email: ghrc@gov.mt

9th November, 2012

CENTRAL PROCUREMENT
AND SUPPLIES UNIT

Iċ-*Chief Executive Officer, Procurement and Supplies Unit,* Gwardamanġa, jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, l-10 ta' Diċembru, 2012, fil-Kaxxa tal-Offerti Nru. 2 (Kulur Kannella) jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CPSU/CPU/2722. *Ipratopium Bromide inhaler.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2723. *Recombinant Human Deoxy.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2724. *0.05% Chlorhexidine sterile solution.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2725. *Lorazepam 2mg tabs.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2726. *Compound Sodium lactate x 1000ml IV. infusion.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2727. *8.4% Sodium Bicarbonate x 10ml amps.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2728. *Promethazine 10mg tabs.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2729. *Prednisone 30mg suppositories.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2730. *5% Dextrose in 0.9% Sodium Chloride IV infusion.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2731. *Sterile pasteur pipettes.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2732. *Gluteraldehyde solution.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2733. *Lubricating jelly.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2734. *Quantitative free light chains.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2735. *Implantable Single-Chamber Cardioverter defibrillators and leads.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2736. *Aspiration catheters.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2737. *Urine test strips with equipment on loan.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2738. *HSV RT PCR Kits with equipment on loan.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2739. *L.A.A. (Left Arterial Appendage) Occluder Device with its Delivery System.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2740. *Home Monitoring Capable of Connecting with Medtronic Pacemakers ICD's.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2741. *Self Expanding Oesophageal Stent.*

Avviż Nru. CPSU/CPU/2742. *Mercury free thermometers.*

L-offerti kollha tas-*Central Procurement and Supplies Unit Tenders* imsemmija hawn fuq jistgħu jitniżżlu minn fuq: (http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=242).

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-*Central Procurement and Supplies Unit,* Pjazza San Luqa, Gwardamanġa, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Id-9 ta' Novembru, 2012

CENTRAL PROCUREMENT
AND SUPPLIES UNIT

The Chief Executive Officer, Procurement and Supplies Unit, Gwardamanġa, notifies that:-

Sealed tenders will be received in the Tender Box No. 2 (Colour Brown) up to 10.00 a.m. on Monday, 10th December 2012, for:-

Advt. No. CPSU/CPU/2722. Ipratopium Bromide inhaler.

Advt. No. CPSU/CPU/2723. Recombinant Human Deoxy.

Advt. No. CPSU/CPU/2724. 0.05% Chlorhexidine sterile solution.

Advt. No. CPSU/CPU/2725. Lorazepam 2mg tabs.

Advt. No. CPSU/CPU/2726. Compound Sodium lactate x 1000ml IV. infusion.

Advt. No. CPSU/CPU/2727. 8.4% Sodium Bicarbonate x 10ml amps.

Advt. No. CPSU/CPU/2728. Promethazine 10mg tabs.

Advt. No. CPSU/CPU/2729. Prednisone 30mg suppositories.

Advt. No. CPSU/CPU/2730. 5% Dextrose in 0.9% Sodium Chloride IV infusion.

Advt. No. CPSU/CPU/2731. Sterile pasteur pipettes.

Advt. No. CPSU/CPU/2732. Gluteraldehyde solution.

Advt. No. CPSU/CPU/2733. Lubricating jelly.

Advt. No. CPSU/CPU/2734. Quantitative free light chains.

Advt. No. CPSU/CPU/2735. Implantable Single-Chamber Cardioverter defibrillators and leads.

Advt. No. CPSU/CPU/2736. Aspiration catheters.

Advt. No. CPSU/CPU/2737. Urine test strips with equipment on loan.

Advt. No. CPSU/CPU/2738. HSV RT PCR Kits with equipment on loan.

Advt. No. CPSU/CPU/2739. L.A.A. (Left Arterial Appendage) Occluder Device with its delivery system.

Advt. No. CPSU/CPU/2740. Home Monitoring Capable of Connecting with Medtronic Pacemakers ICD's.

Advt. No. CPSU/CPU/2741. Self Expanding Oesophageal Stent.

Advt. No. CPSU/CPU/2742. Mercury free thermometers.

All the above Central Procurement and Supplies Unit Tenders can be downloaded from: (http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=242).

Further information may be obtained from the Central Procurement and Supplies Unit, St Luke's Square, Gwardamanġa, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

9th November, 2012

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Iċ-*Chief Executive Officer,* Taqsima tal-*Procurement* u Provvisti, Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, Gwardamanġa, jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Novembru, 2012, fil-Kaxxa l-Ħadra fir-*reception area* tas-Central Procurement and Supplies Unit, Gwardamanġa, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. PFI Nru. 1840. *Drug Labels*.

Kwot. PFI Nru. 1841. *Fistula pressing clamps*.

Kwot. PFI Nru. 1842. *Needle Air Intake*.

Kwot. PFI Nru. 1843. *Coloplast Easiflex drainable bags*.

Kwot. PFI Nru. 1844. *EEG electrocap harness*.

Kwot. PFI Nru. 1845. *Transducer covers*.

Kwot. PFI Nru. 1846. *EEG disposable sponge discs*.

Kwot. PFI Nru. 1847. *Universal head immobilisers*.

Kwot. PFI Nru. 1848. *Minnesota 4 Lumen Oesophageal Tubes, 15FR*.

Kwot. PFI Nru. 1849. *Disposable urinals*.

Kwot. PFI Nru. 1850. *Tamper evident syringe caps*.

Kwot. PFI Nru. 1851. *TUR Coagulating Balls, 3mm*.

Kwot. PFI Nru. 1852. *Orthodontic Short Ligatures 0.010"*.

Kwot. PFI Nru. 1853. *Adult Photographic Lip and Cheek Retractor.*

Kwot. PFI Nru. 1854. *Sterile Surgical Latex Free Gloves, size 6.5, 7 and 8.5*.

Kwot. PFI Nru. 1855. *Tetanus immunoglobulin injections*.

Kwot. PFI Nru. 1856. *Surgical Burs*.

Kwot. PFI Nru. 1857. *Glassionomer Restorative Material*.

Kwot. PFI Nru. 1858. *Hydrocellular foam sacred shaped dressings*.

Kwot. PFI Nru. 1859. *Controlled plaque rupture balloon*.

Kwot. PFI Nru. 1860. *Hybrid cardiovascular set*.

Kwot. PFI Nru. 1861. *Proseal Laryngeal Mask Airways, size 1.5*.

Kwot. PFI Nru. 1862. *Loperamide Hydrochloride 2mg capsules*.

Il-PFIs imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq (http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240).

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-*Central Procurement and Supplies Unit* f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Id-9 ta' Novembru, 2012

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Chief Executive Officer, Procurement and Supplies Unit, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, Gwardamanġa, notifies that:-

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Central Procurement and Supplies Unit, Gwardamanġa, Malta, by 10.00 a.m. on Friday, 16th November, 2012, for:-

Quot. PFI No. 1840. Drug Labels.

Quot. PFI No. 1841. Fistula pressing clamps.

Quot. PFI No. 1842. Needle Air Intake.

Quot. PFI No. 1843. Coloplast Easiflex drainable bags.

Quot. PFI No. 1844. EEG electrocap harness.

Quot. PFI No. 1845. Transducer covers.

Quot. PFI No. 1846. EEG disposable sponge discs.

Quot. PFI No. 1847. Universal head immobilisers.

Quot. PFI No. 1848. Minnesota 4 Lumen Oesophageal Tubes, 15FR.

Quot. PFI No. 1849. Disposable urinals.

Quot. PFI No. 1850. Tamper evident syringe caps.

Quot. PFI No. 1851. TUR Coagulating Balls, 3mm.

Quot. PFI No. 1852. Orthodontic Short Ligatures 0.010".

Quot. PFI No. 1853. Adult Photographic Lip and Cheek Retractor.

Quot. PFI No. 1854. Sterile Surgical Latex Free Gloves, size 6.5, 7 and 8.5.

Quot. PFI No. 1855. Tetanus immunoglobulin injections.

Quot. PFI No. 1856. Surgical Burs.

Quot. PFI No. 1857. Glassionomer Restorative Material.

Quot. PFI No. 1858. Hydrocellular foam sacred shaped dressings.

Quot. PFI No. 1859. Controlled plaque rupture balloon.

Quot. PFI No. 1860. Hybrid cardiovascular set.

Quot. PFI No. 1861. Proseal Laryngeal Mask Airways, size 1.5.

Quot. PFI No. 1862. Loperamide Hydrochloride 2mg capsules.

All the above PFIs can be downloaded from: (http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240).

Further information may be obtained from the Central Procurement and Supplies Unit on any working day between 8.30 a.m. and noon.

9th November, 2012

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Iċ-*Chief Executive Officer,* Taqsima tal-*Procurement* u Provvisti, Gwardamanġa, jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, 29 ta' Novembru, 2012, fil-Kaxxa l-Bajda fir-*reception area* tas-*Central Procurement and Supplies Unit*, Gwardamanġa, l-Imsida, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. GG Nru. 468. *Consumables* għal *gonotec osmometer*
Kwot. GG Nru. 469. *Atrial flutter RF ablation catheters with cables*
Kwot. GG Nru. 470. *Disposable pleural and thorax drainage sets*
Kwot. GG Nru. 471. *Cross - IT 200 XT*
Kwot. GG Nru. 472. *Cross - IT 100 XT*
Kwot. GG Nru. 473. *LVI -ISI adaptor*

Il-kwotazzjonijiet kollha msemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq (http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=241).

Aktar tagħrif dwar il-kwantitajiet u kundizzjonijiet ta' dawn il-kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mis-*Central Procurement and Supplies Unit,* Gwardamanġa, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

Id-9 ta' Novembru, 2012

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Iċ-*Chief Executive Officer, (Procurement and Supplies)* għall-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, Gwardamanġa, jgħarraf illi:-

***Requests for Participation (RFP)* rigward l-avviżi li ġejjin jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, it-30 ta' Novembru, 2012. *Requests for Participation* jintlaqgħu BISS permezz ta' *email* fuq: (cpsa-procurement.mhec@gov.mt) għal:**

RFP Nru. 021/12. *Various Masimo Cables and Disposable Pulse Oximetry probes for the NPICU.*
RFP Nru. 231/12. *Glatiramer 20mg/ml solution for injection.*

Is-*Central Procurement and Supplies Unit Requests for Participation* jistgħu jitniżżlu minn: (http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=1350).

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-*Central Procurement and Supplies Unit,* f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Id-9 ta' Novembru, 2012

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Chief Executive Officer, Procurement and Supplies Unit, Gwardamanġa, notifies that:-

Sealed quotations are to be dropped in the White Box at the reception area of the Central Procurement and Supplies Unit, Gwardamanġa, Msida, Malta, up to 10.00 a.m. on Thursday, 29th November, 2012, for:-

Quot. GG No. 468. Consumables for gonotec osmometer
Quot. GG No. 469. Atrial flutter RF ablation catheters with cables
Quot. GG No. 470. Disposable pleural and thorax drainage sets
Quot. GG No. 471. Cross - IT 200 XT
Quot. GG No. 472. Cross - IT 100 XT
Quot. GG No. 473. LVI -ISI adaptor

All quotations listed above can be downloaded from (http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=241).

Further information regarding the quantities and conditions of these quotations may be obtained from the Central Procurement and Supplies Unit, Gwardamanġa, between 8.00 a.m. and noon.

9th November, 2012

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Chief Executive Officer, (Procurement and Supplies) for the Ministry for Health, the Elderly and Community Care, notifies that:-

Requests for Participation (RFP) in respect of the following notices will be received up to 10.00 a.m. on Friday, 30th November, 2012. Requests for Participation are to be submitted ONLY via email on: (cpsa-procurement.mhec@gov.mt) for:-

RFP No. 021/12. Various Masimo Cables and Disposable Pulse Oximetry probes for the NPICU.
RFP No. 231/12. Glatiramer 20mg/ml solution for injection.

The above Central Procurement and Supplies Unit Requests for Participation can be downloaded from: (http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=1350).

Further information may be obtained from the Central Procurement and Supplies Unit, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

9th November, 2012

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (*Procurement* u Provvisti, Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) jgħarraf illi:-

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-offerti li ġejjin fid-data u l-ħinijiet indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (http://etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, l-10 ta' Diċembru, 2012, għal:-

CPSU/CPU Nru. 3038. *Spironolactone 25mg tablets*
Spironolactone 100mg tablets
or capsules.

Id-dokumenti ta' dawn l-offerti jinkisbu mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerta jinkisbu biss mill-*Electronic Public Procurement System:* (http://www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża l-*website*: Operaturi ekonomiċi Malti għandu jkollhom l-*e-Id* tal-Organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'din il-*website*. Aktar tagħrif jinkiseb mill-*FAQ Section* tal-istess *website*.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija hawn fuq.

Id-9 ta' Novembru, 2012

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI MEDIĊI

L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, it-22 ta' Novembru 2012, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FN/CM/FMS/12/233. Servizzi ta' xufier u ta' *courier* għall-Fondazzjoni għal Servizzi Mediċi.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull dokument tal-offerta.

Il-formoli tal-offerta u tagħrif ieħor dwar il-kundizzjonijiet ta' din l-offerta jinkisbu mill-Fondazzjoni għal Servizzi Mediċi, it-3 Sular, Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda HMR 9010 f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Id-9 ta' Novembru, 2012

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies, Ministry for Health, the Elderly and Community Care) notifies that:-

Electronic tenders in respect of the following notices will be received on the date and times indicated below. Tenders are to be submitted ONLY online on: (http://etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. on Monday, 10th December, 2012, for:-

CPSU/CPU No. 3038. Spironolactone 25mg tablets
Spironolactone 100mg tablets
or capsules.

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System: (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

9th November, 2012

FOUNDATION FOR MEDICAL SERVICES

The Chief Executive Officer notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 22nd November 2012, for:-

Advt. No. FN/CM/FMS/12/233. Driver and courier services for the Foundation for Medical Services.

A fee of €50 is to be effected on collection of every tender document.

Forms of tender and further information regarding the conditions of this tender may be obtained from the Foundation for Medical Services, 3rd Floor, Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda HMR 9010 on any working day between 8.30 a.m. and noon.

9th November, 2012

CENTRAL PROCUREMENT
AND SUPPLIES UNIT

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi offerta CPSU/CPU/3028/2012 li ġiet ippubblikata fit-12 ta' Ottubru 2012 bit-titolu *Spironolactone 25mg tablets and Spironolactone 100mg tablets or capsules* ġiet ikkanċellata. Id-data tal-għeluq ta' din l-offerta kienet ġiet stabbilita għat-Tnejn, it-12 ta' Novembru 2012 fid-9.30 a.m. Sejħa ġdida għall-offerta msemmija hawn taħt se tiġi ppubblikata minħabba żball fl-istruttura tal-*etender,* li ma ħallietx offerenti prospettivi jissottomettu l-offerti għall-waħda jew oħra tal-provvisti meħtieġa.

Id-9 ta' Novembru, 2012

CENTRAL PROCUREMENT
AND SUPPLIES UNIT

It is notified that tender CPSU/CPU/3028/2012, published in the Government Gazette on Friday 12th October 2012 covering the Spironolactone 25mg tablets and Spironolactone 100mg tablets or capsules, has been cancelled. The closing date for this tender had been set for Monday, 12th November 2012 at 9.30 a.m. A new call for the above items is being issued due to an error in the etender structure, not allowing potential bidders to submit offers for either or of the supplies required.

9th November, 2012

KUNSILL LOKALI SAN LAWRENZ

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 7 ta' Diċembru, 2012, fil-kaxxa tal-offerti jintlaqgħu offerti magħluqin indirizzati lis-Segretarju Eżekuttiv, Kunsill Lokali San Lawrenz, 22A Triq Id-Duluri, San Lawrenz SLZ1261, Għawdex, Malta, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż Nru. SLZeafrd/005/2012. Provvista u installazzjoni ta' għamara tat-triq fi Pjazza San Lawrenz, San Lawrenz, Għawdex, Malta.

Avviż Nru. SLZeafrd/006/2012. Provvista, installazzjoni ittestjar u kummissjunar ta' *audio visual unit* interattiv komplut b'sistema fotovoltajka off-grid għall-Pjazza tad-Dwejra, Id-Dwejra, lokalità ta'San Lawrenz, Għawdex.

Kopja tad-dokumenti tal-offerta tista' tinġabar mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz fuq ħlas ta' €100.

Din is-*Supply/Works Notice* hija taħt l-*Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Programm ta' Żvilupp Rurali għal Malta 2007-2013.

Id-9 ta' Novembru, 2012

SAN LAWRENZ LOCAL COUNCIL

The San Lawrenz Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box and addressed to the Executive Secretary, San Lawrenz Local Council, 22A Triq Id-Duluri, San Lawrenz SLZ1261, Gozo, Malta, by not later than noon of Friday, 7th December, 2012 for:


Advt. No. SLZeafrd/005/2012. Supply and installation of street furniture at San Lawrenz Square, San Lawrenz, Gozo, Malta.

Advt. No. SLZeafrd/006/2012. Supply, installation, testing and commissioning of an interactive audio visual unit complete with an off-grid photovoltaic system for Pjazza tad-Dwejra, Dwejra, locality of San Lawrenz, Gozo.

A copy of the tender documents may be collected from the office of the San Lawrenz Local Council at a fee of €100.

This is a Supply/Works Notice under the Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the Rural Development Programme for Malta 2007-2013.

9th November, 2012



Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007 - 2013
Assi 3 – Intejbu l-Kwalità tal-Ħajja fiż-Żoni Rurali
Rata ta' Ko-finanzjament: 75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta
Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali:
L-Ewropa tinvesti f'Żoni Rurali



Rural Development Programme for Malta 2007 - 2013
Axis 3 – Improving the Quality of Life in Rural Areas
Co-financing Rate: 75% European Union, 25% Government of Malta
The European Agricultural Fund for Rural Development:
Europe investing in Rural Areas

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Il-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar tat-Tnejn, l-10 ta' Diċembru, 2012, fil-kaxxa apposta fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, It-Tieni Sular, Ċentru Ċiviku Birkirkara, Triq Tumas Fenech, Birkirkara BKR 2527, jintlaqgħu offerti magħluqin immarkati bir-referenza relevanti għal:-

Avviż Nru. BLC/025/2012. Bini ta' replika tal-Bieb ta' Fleur-de-Lys

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Id-dokumenti jinfetħu fil-ħin tad-data tal-għeluq quddiem il-pubbliku fil-Kunsill Lokali Birkirkara.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull proposta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Aktar dettaljijinkisbu mingand il-Viċi Segretarju Eżekuttiv fuq Tel: 2144 2626/2148 5041; *Fax*: 2144 2644; *Email*: (birkirkara.lc@gov.mt).

Proposti li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Id-9 ta' Novembru, 2012

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Il-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar tat-Tnejn, l-10 ta' Diċembru, 2012, fil-kaxxa apposta fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, It-Tieni Sular, Ċentru Ċiviku Birkirkara, Triq Tumas Fenech, Birkirkara BKR 2527, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin immarkati bir-referenza relevanti għal:-

Kwot. Nru. BLCQ 001/2012. Provvediment ta' servizzi ta' *cash transportation*.

Id-dokumenti jinfetħu fil-ħin tad-data tal-għeluq quddiem il-pubbliku fil-Kunsill Lokali Birkirkara.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull proposta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Aktar dettalji jinkisbu mingħand il-Viċi Segretarju Eżekuttiv fuq Tel: 2144 2626/2148 5041; *Fax*: 2144 2644; *Email*: (birkirkara.lc@gov.mt).

Proposti li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Id-9 ta' Novembru, 2012

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

The Birkirkara Local Council notifies that:

Sealed tenders marked with the relevant reference will be received in the appropriate box at the Local Council's Administrative Office, 2nd Floor, Birkirkara Civic Centre, Triq Tumas Fenech, Birkirkara BKR 2527 up to noon of Monday, 10th December, 2012, for:-

Advt. No. BLC/025/2012. Construction of a replica of Fleur-de-Lys Gate

A fee of €50 will be charged for every copy of tender document.

Documents will be opened at the time of the closing date in the presence of the public at Birkirkara Local Council.

The Council reserves the right to refuse any proposal, even the most advantegeous.

Further details may be obtained from the Deputy Executive Secretary on Tel: 2144 2626/2148 5041; Fax: 2144 2644; Email: (birkirkara.lc@gov.mt).

Late submissions will not be considered.

9th November, 2012

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

The Birkirkara Local Council notifies that:

Sealed quotations marked with the relevant reference will be received in the appropriate box at the Local Council's Administrative Office, 2nd Floor, Birkirkara Civic Centre, Triq Tumas Fenech, Birkirkara BKR 2527 up to noon of Monday, 10th December, 2012, for:-

Quot. No. BLCQ/001/2012. Provision of cash trasportation services.

Documents will be opened at the time of the closing date in the presence of the public at Birkirkara Local Council.

The Council reserves the right to refuse any proposal, even the most advantegeous.

Further details may be obtained from the Deputy Executive Secretary on Tel: 2144 2626/2148 5041; Fax: 2144 2644; Email: birkirkara.lc@gov.mt).

Late submissions will not be considered.

9th November, 2012

KUNSILL LOKALI IR-RABAT (GĦAWDEX)

Il-Kunsill Lokali Ir-Rabat (Għawdex) jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, il-15 ta' Novembru, 2012, fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill jilqa' kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. 03/12. Kiri ta' *huts* tal-injam għall-Villaġġ tal-Milied.

Aktar dettalji jinkisbu mill-Kunsill Lokali fuq in-numru tat-telefon: 2156 3344.

Id-9 ta' Novembru, 2012

RABAT (GOZO) LOCAL COUNCIL

The Rabat (Gozo) Local Council notifies that:-

Sealed quotations will be received at the Council's Administrative Offices up to noon on Thursday, 15th November, 2012, for:-

Quot. No. 03/12. Rent of wooden huts for Christmas Village.

Further details are obtained from the Local Council's telephone number: 2156 3344.

9th November, 2012

KUNSILL LOKALI ĦAD-DINGLI

Il-Kunsill Lokali Ħad-Dingli jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar tal-Ġimgħa, it-23 ta' Novembru 2012 jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. DLC/Q/11/2012. Provvista ta' dawl dekorattiv tal-Milied għat-toroq.

Id-dokumenti relattivi jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, Ċentru tal-Komunità, Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli (Tel: 2145 6060) bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. jew b'*email:* (dingli.lc@gov.mt).

Il-Kunsill Lokali Ħad-Dingli jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Id-9 ta' Novembru, 2012

ĦAD-DINGLI LOCAL COUNCIL

The Ħad-Dingli Local Council notifies that:-

Sealed quotations will be received up to noon on Friday, 23rd November 2012, for:-

Quot. No. DLC/Q/11/2012. Supply of decorative Christmas street lighting.

Related documents shall be collected from the Local Council's Office, Ċentru tal-Komunità, Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli (Tel: 2145 6060) between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. or by email: (dingli.lc@gov.mt).

The Ħad-Dingli Local Council reserves the right to reject any or all tenders submitted, even the most advantageous.

9th November, 2012

KUNSILL LOKALI IL-MOSTA

Il-Kunsill Lokali Il-Mosta jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Diċembru, 2012, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. KLM 11/2012. Servizzi ta' *Project Manager* għall-Programm PPP ta' kisi mill-ġdid ta' toroq.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu mill-Kunsill Lokali tal-Mosta matul il-ħinijiet tal-uffiċċju, għal prezz ta' €50.00.

Id-9 ta' Novembru, 2012

MOSTA LOCAL COUNCIL

The Mosta Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Friday, 7th December, 2012, for:-

Advt. No. KLM 11/2012. Services of a Project Manager for a PPP streets resurfacing programme.

Tender documents can be obtained against a payment of €50.00 from the Mosta Local Council during office hours.

9th November, 2012

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1866

B'digriet tal-31 ta' Ottubru, 2012, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187 (3) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Avviż

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tas-Subasta numru 85/08
Fl-ismijiet:

Mariella Azzopardi

Vs

Carmel sive Charles Farrugia

L-Onor. Imħallef Dott. Jacqueline Padovani Grima, LL.D.

Il-Qorti,

Wara li rat il-liberazzjoni tal-Ħamis, 15 ta' Diċembru, 2011 favur Mariella Azzopardi rigward il-proprjetajiet hawn taħt imsemmija u li kienu jappartjenu lil Carmel sive Charles Farrugia msemmija fl-istess atti u cioè:

1. Parti indiviża minn sitta (1/6) mid-dar bl-arja tagħha bin-numru ħamsa u ħamsin (55), Triq il-Vittorja, Rabat Malta kif suġġett l-intier għal ċens annwu u perpetwu ta' €1.45 minn kull ħaġa oħra libera w franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha u bil-ġustijiet tagħha kollha, stmata li tiswa €36,666.66

2. Parti indiviża minn sitta (1/6) mid-dar bin-numru 61, Triq il-Vittorja, Rabat, Malta sottoposta għal bini fl-istess triq numru 60 kif suġġett l-intier għal ċens annwu w perpetwu ta' €0.54 minn kull ħaġa oħra libera w franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha u bil-ġustijiet tagħha kollha, stmata li tiswa €15,833.33

3. Parti indiviża minn sitta (1/6) mill-porzjon raba' b'garaxx mibni fih tal-kejl totali ta' circa tliet mija u għaxar metri kwadri (310m2) f'Triq Ħal Tartalni, fil-limiti tar-Rabat, Malta libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi kollha u bil-ġustijiet tagħha kollha, stmata li tiswa €4,166.66

Billi fiż-żmien stabbilit mil-liġi Carmel sive Charles Farrugia (K.I. 36165M) kiser il-kwindena u offra €1,040

By a decree given on the 31st October, 2012 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Notice

In the First Hall of the Civil Court

In the records of Judicial Sale by Auction number 85/08 in the names:

Mariella Azzopardi

Vs

Carmel sive Charles Farrugia

Honourable Madam Justice Dr Jacqueline Padovani Grima, LL.D.

The Court,

Following the adjudication of Thursday, 15th December, 2011, in favour of Mariella Azzopardi for the hereunder mentioned tenement belonging to Carmel sive Charles Farrugia mentioned in the same Judicial Acts namely:

1. One sixth (1/6) undivided portion of the tenement, including its airspace, numbered fifty five (55), Victory Street, Rabat, Malta, subject to annual and perpetual ground rent of €1.45, but otherwise free and unencumbered with all its rights and enjoyments and appurtenances, valued at €36,666.66.

2. One sixth (1/6) undivided portion of the tenement numbered 61, Victory Street, Rabat, Malta subject to the building on the same road numbered 60, and subject to annual and perpetual ground rent of €0.54, but otherwise free and unencumbered with all its rights and enjoyments and appurtenances, valued at €15,833.33.

3. One sixth (1/6) undivided portion of a portion of land with a garage built on it measuring approximately three hundred and ten square meters (310m2), in Triq Ħal Tartalni, limits of Rabat, Malta, free and unencumbered with all its rights and enjoyments and appurtenances, valued at €4,166.66.

Whereas Carmel sive Charles Farrugia (I.D. 36165M) interrupted the fifteen day statutory time limit by entering a

għall-proprjetà bin-numru wieħed (1), offra €20 għall-proprjetà bin-numru tnejn (2), għall-proprjetà bin-numru tlieta (3) offra €20 hawn fuq imsemmija.

Tiddekreta u tagħżel għall-Bejgħ bl-Irkant Finali u l-Aħħar Liberazzjoni tal-proprjetà hawn fuq imsemmija l-jum tat-Tlieta, 27 ta' Novembru, 2012 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-Kuritur ta' dawn il-Qrati.

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutanti, id-debitur eżekutanti, il-liberatarju u dawk li offrew l-aħħar.

Illum, 19 ta' Ottubru, 2012

MARVIC FARRUGIA
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

bid of € 1,040 for the property numbered one (1), a bid of €20 for the property numbered two (2), a bid of €20 for the property numbered three (3), mentioned above.

The Court therefore decrees and appoints Tuesday, 27th November, 2012 from 9.00 a.m. to twelve noon, for the final Sale by Auction and Adjudication of the afore-mentioned property, which Sale is to be held in the Corridor of these Courts.

The Court hereby orders that a copy of this decree be served on the execution creditor, the execution debtor, the purchaser and the last bidder.

Today the 19th October, 2012

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1867

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fil-15 ta' Ottubru 2012, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Cordina Fiona noe vs Cardona Christian et, rikors ġuramentat numru 42/12 AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Fiona Cordina (K.I. 441801L) bħala kuratriċi ad litem tal-minuri Sven Lloyd Cordina vs 1. Christian Cardona (K.I. 348888M) 2. Direttur tar-Reġistru Pubbliku, fit-22 ta' Frar 2012, ir-rikorrenti Fiona Cordina K.I. 441801L, talbet lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara l-minuri Sven Cordina huwa l-wild naturali tal-intimat Christian Cardona u dana okkorendo anke permezz tal-ħatra tal-periti nominandi u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Rikorrenti: Flt 18, Triq Maria de Dominicis, Appartamenti Indipendenza, Blokk B, Santa Luċija.

Intimati: St Joseph Farmhouse, Tal-Ħrieri, Limiti tas-Siġġiewi.

Direttur tar-Reġistru, Pubbliku, Valletta.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Cordina Fiona et vs Cardona Christian et, rikors numru 42/12 AL, jinsab differit għas-smigħ għat-28 ta' Novembru 2012.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) illum 5 ta' Novembru 2012.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court (Family Section) on the 15th October 2012, in the records of the Sworn Application, in the names Cordina Fiona noe vs Cardona Christian et, sworn application number 42/12 AL, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Fiona Cordina (I.D. 441801L) as curator ad litem of the minor Sven Lloyd Cordina vs 1. Christian Cardona (I.D. 348888M) 2. Director Public Registry, on the 22nd February 2012, the applicant Fiona Cordina I.D. 441801L, asked this Honourable Court;

1.To declare that the minor Sven Cordina is the natural child of the respondent Christian Cardona and this if necessary by means of the appointment of referees and uphold the other demands in the application.

Applicant: Flt 18, Triq Maria de Dominicis, Appartamenti Indipendenza, Blokk B, Santa Lucija.

Respondents: St Joseph Farmhouse, Tal-Ħrieri, Limits of Siġġiewi.

Director Public Registry, Valletta.

The Sworn Application in the names Cordina Fiona et, vs Cardona Christian et, application number 42/12 AL, has been put off for hearing to the 28th November 2012.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 5th November 2012.

ADV. FRANK PORTELLI,LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1868

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-5 ta' Ottubru 2012, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go p.l.c. (C22334) ta' Telgħet Spencer, Marsa, MRS 1950, ippreżentaw Talba, fis-6 ta' Lulju 2012, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Angela Laudi (K.I. 377568M) ta' Flat 12, Binja Tifkiriet Puniċi, Mtarfa, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €537.13 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Nru 446/12NHV) hija differita għat-12 ta' Novembru 2012 f'12.05 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 6 ta' Novembru 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 5th October 2012, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa, MRS1950, filed a Claim on the 6th July 2012 whereby they asked the Tribunal to condemn Angela Laudi (I.D. 377568M) of Flat 12, Binja Tifkiriet Puniċi, Mtarfa, to pay the plaintiff company the sum of €537.13 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 466/12NHV) is put off on the 12th November 2012 at 12.05 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 6th November 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1869

B'digriet mogħti mill-QORTI CIVILI, PRIM'AWLA fil-31 ta' Ottubru, 2012, fuq rikors ta' BANK OF VALLETTA PLC ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 17 ta' Jannar, 2013 fl-10.30 a.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT, li għandu jsir FL-EWWEL SULAR FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

Appartament bin-numru 4, formanti parti mill-blokka bla numru u magħruf bl-isem 'Emmanuel Flats' fi Triq Kent, Fgura, liberu u frank stmat li jiswa tmenin elf Euro (€80,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' JOSEPH BALZAN (K.I. 333867 M) u JACQUELINE BALZAN (K.I. 42271 M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-Subbasta numru 22/11.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 5 ta' Novembru, 2012.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 31st October, 2012, on the application of BANK OF VALLETTA PLC, Thursday, 17th January, 2012 at 10.30 a.m. has been fixed for the SALE BY AUCTION, to be held IN THE FIRST FLOOR OF THESE LAW COURTS, REPUBLIC STREET, VALLETTA of the following property.

Apartment numbered 4, forming part of a block unnamed but known as 'Emmanuel Flats' in Kent Street, Fgura, free and unencumbered valued at €80,000.

The said tenement is the property of JOSEPH BALZAN (I.D. No 333867 M) and JACQUELINE BALZAN (I.D. No. 42271 M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of file number 22/11.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 5th November, 2012.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*